KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fl-1 ta' Marzu 2018[1]

**Kawża C-118/16**

**X Denmark A/S**
**vs**
**Skatteministeriet**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2003/49/KE dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (hekk imsejħa Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties – Kunċett ta' sid benefiċjarju – Tranżazzjonijiet f'isem persuna għan-nom ta' ħaddieħor – Influwenza tal-kummentarji tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OECD fuq l-interpretazzjoni ta' direttiva tal-Unjoni Ewropea – Abbuż tal-possibbiltajiet ta' arranġament fiskali – Kriterji għall-eżistenza ta' abbuż fil-każ ta' evażjoni ta' tassazzjoni f'ras il-għajn – Abbuż permezz tal-isfruttament tan-nuqqas ta' sistemi ta' skambju tal-informazzjoni bejn l-Istati – Applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49/KE għal pagamenti lil S.C.A./SICAR Lussemburgiża – Applikazzjoni diretta ta' dispożizzjoni ta' direttiva mhux trasposta – Interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni tal-prinċipji nazzjonali għall-prevenzjoni tal-abbuż"

## I. Introduzzjoni

1. L-istess bħal fi tliet kawżi paralleli oħra[2], il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tiddeċiedi f'liema ċirkustanzi s-sid benefiċjarju ta' interessi taħt id-dritt ċivili għandu jitqies ukoll bħala s-sid benefiċjarju fis-sens tad-Direttiva dwar l-imgħax u r-royalties[3]. F'dan ir-rigward għandu jiġi ċċarat jekk għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandhomx japplikaw ukoll il-kummentarji dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD tagħha, speċjalment f'każ ta' riformulazzjoni wara l-adozzjoni tad-direttiva. Tqum ukoll il-kwistjoni dwar id-definizzjoni u l-applikabbiltà diretta tal-projbizzjoni ta' abbuż skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat kif struttura legali Lussemburgiża (SCA) għandha tiġi ttrattata fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-imgħax u r-royalties jekk tikkostitwixxi "kumpannija ta' investiment f'kapital ta' riskju" (SICAR) li hija suġġetta għal sistema fiskali partikolarment vantaġġuża fil-Lussemburgu.

2. Dawn id-domandi jqumu fil-kuntest ta' akkwist ta' kumpannija li fir-rigward tagħha l-investituri, b'kumpanniji ta' investiment ta' kapital residenti fi Stati terzi, isellfu flus lil kumpannija Lussemburgiża, li permezz tagħha ġie akkwistat grupp operazzjonali Daniż bl-"interpożizzjoni" ta' żewġ kumpanniji Svediżi. Il-kumpannija omm ta' dan il-grupp tħallas interessi fuq self lil kumpannija

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 Dawn huma l-Kawżi C-118/16 u C-119/16 (it-tnejn li huma magħquda ma' C-115/16) u C-299/16.

3 Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 380).

Svediża li tagħmel trasferiment fi ħdan il-grupp lill-kumpannija Svediża l-oħra, sabiex min-naħa tagħha tkun tista' tħallas interessi lill-kumpannija Lussemburgiża. Il-profitt tal-kumpannija Lussemburgiża mbagħad jitqassam lill-kumpanniji ta' investiment li huma stabbiliti fi Stati terzi u li l-investituri tagħhom huma manifestament stabbiliti fi u barra l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, dawn l-operazzjonijiet huma intiżi li tiġi evitata tassazzjoni Daniża f'ras il-għajn fuq il-ħlas tal-interessi.

3. Il-mistoqsija kruċjali li tqum hawnhekk, bħal fil-kawżi l-oħra li sar riferiment għalihom, hija dwar sa fejn tista' tasal persuna taxxabbli (hawnhekk grupp multinazzjonali) fl-arranġament tal-istrutturi korporattivi sabiex tnaqqas il-piż fiskali tagħha, speċjalment sabiex timminimizza tassazzjoni definittiva f'ras il-għajn fuq il-ħlas tal-interessi fi ħdan il-grupp. Fejn eżatt tinsab il-linja bejn arranġament fiskali ammissibbli u arranġament fiskali li, għalkemm legali, huwa abbużiv? Sewwieq ta' karozza li jbigħ il-karozza tiegħu minħabba raġunijiet ta' spejjeż wara li togħla t-taxxa fuq il-vetturi ċertament ikun qiegħed jevita intenzjonalment it-taxxa fuq il-vetturi. Madankollu, dan xorta waħda ma jikkostitwixxix abbuż tad-dritt, anki jekk l-uniku motiv kien l-evitar tat-taxxa.

4. Fid-dawl tas-sentiment politikament imqanqal kontra prattiki fiskali ta' ċerti gruppi multinazzjonali, dan ma huwiex kompitu ħafif għall-Qorti tal-Ġustizzja peress li mhux kull azzjoni ta' individwu li twassal għal tnaqqis tat-taxxa għandha tkun esposta għall-verdett tal-abbuż.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

5. Il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni applikabbli għal din il-kawża huwa d-Direttiva 2003/49 u l-Artikoli 43, 48 u 56 KE (li issa saru l-Artikoli 49, 54 u 63 TFUE).

6. Fil-premessi 1 sa 6 tagħha, id-Direttiva 2003/49 tirregola:

"(1) F'Suq Wieħed li għandu l-karatteristiċi ta' suq domestiku, l-operazzjonijiet bejn kumpaniji fi Stati Membri differenti m'għandhomx ikunu suġġetti għal kondizzjonijiet tat-taxxa inqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-istess operazzjonijiet li jitwettqu bejn kumpaniji fl-istess Stat Membru.

(2) Dan ir-rekwiżit attwalment mhuwiex milħuq fir-rigward tal-pagamenti ta' imgħax u royalties; il-liġijiet nazzjonali tat-taxxa flimkien, fejn applikabbli, ma' ftehim bilaterali u multilaterali m'hux dejjem jassiguraw li t-tassazzjoni doppja tiġi eliminata, u l-applikazzjoni tagħhom spiss titlob formalitajiet amministrattivi tqal u problemi ta' cash-flow għall kumpaniji konċernati.

(3) Jeħtieġ li jkun assigurat li l-pagamenti ta' imgħax u royalties ikunu suġġetti għat-taxxa darba fi Stat Membru.

(4) It-tneħħija ta' tassazzjoni fuq il-pagamenti ta' imgħax u royalties fl-Istat Membru fejn iqumu, sew jekk miġburin permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, hija l-mezz l-aktar approprjat sabiex ikunu eliminati il-formalitajiet u l-problemi imsemmija qabel u sabiex ikun assigurat it-trattament tat-taxxa ndaqs bejn operazzjonijiet nazzjonali u dawk bejn il-fruntieri; huwa meħtieġ partikolarment li jitneħħew dawn it-taxxi fuq dawn il-pagamenti li jsiru bejn kumpaniji assoċjati fi Stati Membri differenti kif ukoll bejn stabbilimenti permanenti ta' dawn il-kumpaniji.

(5) L-arranġamenti għandhom japplikaw biss għall-ammont, jekk hemm, ta' pagamenti ta' imgħax u ta' royalties li jkunu ftiehmu fuqu min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' relazzjoni speċjali.

(6) Barra dan, huwa meħtieġ li l-Istati Membri ma jinżammewx milli jieħdu miżuri xierqa biex jiġġieldu l-frodi jew l-abbuż."

7. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 jipprovdi li:

"Pagamenti ta' imgħax u royalties li jqumu fi Stat Membru għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa imposta fuq dawk il-pagamenti f'dak l-Istat, sew jekk permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, iżda s-sid benefiċjarju ta' l-imgħax jew royalties irid ikun kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor ta' kumpanija ta' Stat Membru."

8. L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2003/49 jipprovdi:

"Kumpanija ta' Stat Membru għandha tkun trattata bħala sid benefiċjarju ta' imgħax u royalties biss jekk tirċievi dawk il-pagamenti għall-benefiċċju tagħha stess u mhux bħala intermedjarju, bħal aġent, trustee jew firmatarju awotriżżat, għal xi ħadd ieħor."

9. Skont l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2003/49:

"Dan l-Artikolu għandu japplika biss jekk il-kumpanija li hija dik li tħallas, jew il-kumpanija li l-istabbiliment permanenti tagħha huwa trattat bħala dak li jħallas, l-imgħax jew royalties hiija kumpanija assoċjata tal-kumpanija li hija s-sid benefiċjarju, jew li l-istabbiliment permanenti tagħha huwa trattat bħala s-sid benefiċjarju, ta' dak l-imgħax jew dawk ir-royalties."

10. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 jinsab taħt it-titolu "Frodi u abbuż" u jinkludi d-dispożizzjoni li ġejja:

"1. Din-id-Direttiva ma' twaqqafx l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet domestiċi jew ibbażati fuq ftehim li huma meħtieġa għall-prevenzjoni ta' frodi jew abbuż.

2. L-Istati Membri jistgħu, fil-każ ta' operazzjonijiet li l-għan prinċipali jew wieħed mill-għanijiet prinċipali tagħhom huwa l-evażjoni tat-taxxa, l-għan li tiġi evitata t-taxxa jew l-abbuż, jirtiraw il-benefiċċji ta' din id-Direttiva jew jiċħdu l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

## B. Id-dritt internazzjonali

11. Il-Ftehim Nordiku dwar Ħelsien mit-Taxxa Doppja tat-23 ta' Settembru 1996 (kif emendat) u l-Konvenzjoni bejn il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju tad-Danimarka intiż li tiġi evitata t-taxxa doppja (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar Ħelsien mit-Taxxa Doppja") tas-17 ta' Novembru 1980 jinkludu, fl-Artikolu 11(1), id-dispożizzjoni li ġejja dwar it-tqassim tal-poteri fiskali fir-rigward tal-interessi:

"1. L-interessi li joriġinaw minn Stat kontraenti u li jitħallsu lil resident ta' Stat kontraenti ieħor jistgħu biss ikunu taxxabbli f'dan l-Istat l-ieħor jekk din il-persuna tkun il-benefiċjarju effettiv tal-interessi."

12. Minn dan jirriżulta li l-Istat ta' oriġini, hawnhekk ir-Renju tad-Danimarka, ma jistax jintaxxa interessi mħallsa lil resident tal-Isvezja jew tal-Lussemburgu, jekk din il-persuna tkun is-sid benefiċjarju tal-interessi. Il-kunċett ta' sid benefiċjarju ma huwa ddefinit f'ebda wieħed mill-konvenzjonijiet.

## C. Id-dritt Daniż

13. Skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni Daniża fis-seħħ matul is-snin inkwistjoni kienet is-segwenti.

14. Il-Liġi dwar it-Tassazzjoni ta' Kumpanniji b'Kapital Azzjonarju (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji"[4]) tirregola, fi § 2(1)(d), ir-responsabbiltà fiskali limitata ta' kumpanniji barranin għall-interessi kkreditati jew imħallsa minn kumpanniji Daniżi:

"§ 2. Skont din il-liġi, huma taxxabbli wkoll kumpanniji, assoċjazzjonijiet, eċċ. imsemmija fl-Artikolu § 1(1) li jkollhom ir-residenza tagħhom barra mill-pajjiż, sa fejn [...]

d) dawn jirċievu interessi minn sorsi li jinsabu fid-Danimarka rigward pretensjonijiet finanzjarji li [kumpannija rregolata bid-dritt Daniż] jew [...] [stabbiliment permanenti ta' kumpannija barranija] [...] ikollhom fil-konfront ta' persuni ġuridiċi barranin elenkati fi § 3 B tal-iSkattekontrollov [il-Liġi dwar il-Kontroll Fiskali] (dejn ikkontrollat). Ir-responsabbiltà fiskali ma tkoprix l-interessi jekk dawn, skont id-Direttiva 2003/49/KE dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti jew skont ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja mal-Gżejjer Faeroe, mal-Groenlandja jew ma' dak l-Istat li fih il-kumpannija benefiċjarja eċċ. ikollha s-sede tagħha, ma jiġux intaxxati jew jiġu ntaxxati b'rata mnaqqsa. Madankollu, dan jgħodd biss jekk il-kumpannija li tħallas l-interessi u l-kumpannija benefiċjarja jkunu assoċjati fis-sens tad-direttiva għal perijodu kontinwu minimu ta' sena, li matul tiegħu għandu jsir il-ħlas [...]"

15. Konsegwentement, fl-2007, ir-responsabbiltà fiskali limitata għat-taxxa ma kinitx tkopri l-interessi mħallsa lil kumpannija omm li ma kienu suġġetti għal ebda taxxa jew għal taxxa b'rata mnaqqsa biss skont id-Direttiva 2003/49 jew skont ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja.

16. Min-naħa l-oħra, jekk għal interessi emanenti mid-Danimarka tapplika responsabbiltà fiskali limitata skont § 2(1)(d) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji, il-Liġi Daniża dwar it-Taxxa f'Ras il-Għajn[5] tistabbilixxi, fi § 65 D, li l-pagatur Daniż tal-interessi huwa obbligat iżomm it-taxxa f'ras il-għajn ("taxxa fuq l-interessi").

17. Matul is-snin fiskali 2008 u 2009, ir-rata kienet ta' 25 %. Fil-każ li l-ħlas tat-taxxa miżmuma f'ras il-għajn isir tardivament (jekk ikun hemm responsabbiltà fiskali limitata), ikunu dovuti interessi fuq id-dejn fiskali (§ 66 B tal-Liġi dwar it-Taxxa f'Ras il-Għajn). L-obbligu ta' ħlas tal-interessi moratorji huwa tal-persuna li hija marbuta żżomm it-taxxa f'ras il-għajn.

18. Fis-snin 2007 sa 2009, fid-Danimarka ma kienx hemm leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-prevenzjoni tal-abbuż. Min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza żviluppat il-"prinċipju tar-realtà", li jgħid li t-tassazzjoni għandha ssir abbażi ta' analiżi speċifika tal-fatti. Dan ifisser, b'mod partikolari, li arranġamenti fiskali fittizji u artifiċjali jistgħu ma jittiħdux inkunsiderazzjoni taħt ċerti ċirkustanzi u li tiġi applikata, minflok, tassazzjoni bbażata fuq ir-realtà ("substance-over-form"). Il-partijiet fil-kawża jaqblu dwar il-fatt li l-prinċipju tar-realtà ma jikkostitwixxix bażi suffiċjenti sabiex l-atti legali mwettqa fil-każ ineżami jiġu esklużi.

19. Barra minn hekk, fil-ġurisprudenza Daniża ġie żviluppat l-hekk imsejjaħ prinċipju tal-"benefiċjarju effettiv tad-dħul". Dan il-prinċipju huwa bbażat fuq id-dispożizzjonijiet fundamentali relatati mat-tassazzjoni tad-dħul f'§ 4 tal-istatsskatteloven (il-Kodiċi Fiskali Daniż) u jistabbilixxi li l-awtoritajiet tat-taxxa ma humiex obbligati jaċċettaw separazzjoni artifiċjali bejn in-negozju jew l-attività li tiġġenera d-dħul u l-attribuzzjoni tad-dħul iġġenerat minnha. Għalhekk, dan il-prinċipju għandu bħala għan li tiġi ddeterminata l-persuna, irrispettivament mill-istruttura formali – li hija d-destinatarja effettiva ta' ċertu dħul u li għalhekk hija taxxabbli. Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat lil min għandu jiġi attribwit id-dħul għall-finijiet tad-dritt fiskali. Minn dan isegwi li l-"benefiċjarju effettiv tad-dħul" huwa l-persuna li hija taxxabbli għad-dħul inkwistjoni.

4 Bekendtgørelse af lov om indkomstbeskatning af aktieselskaber m.v., selskabsskatteloven - Lovbekendtgørelse nr. 1037 af 24. august 2007 (il-Pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 1037 tal-24 ta' Awwissu 2007).

5 Kildeskatteloven – Lovbekendtgørelse nr. 1086 af 14. November 2005 (id-Digriet Legali Nru 1086 tal-14 ta' Novembru 2005).

## III. Il-kawża prinċipali

20. X Denmark A/S (rikorrenti tal-kawża prinċipali quddiem il-qorti tar-rinviju) tagħmel parti mill-grupp X. Il-grupp X huwa impriża globali li timpjega total ta' 12 500 ħaddiem, b'600 minnhom fid-Danimarka, u li għandu sussidjarji f'iktar minn 70 pajjiż. Fl-2005, il-grupp ġie akkwistat minn konsorzju ta' kumpanniji ta' investiment.

21. Il-kumpanniji ta' investiment iżommu 100 % tal-ishma fil-kumpannija omm fil-quċċata tal-grupp (X S.C.A.) stabbilita fil-Lussemburgu u jitqiesu bħala trasparenti għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni fiskali [6]. Għalhekk, skont l-informazzjoni tal-qorti tar-rinviju, l-investituri f'dawn il-kumpanniji ta' investiment trasparenti, fl-aħħar mill-aħħar, mill-perspettiva fiskali, huma l-azzjonisti diretti tal-kumpannija omm fil-quċċata tal-grupp (X S.C.A.).

22. Skont l-informazzjoni ta' X Denmark A/S, uħud minn dawn l-investituri huma residenti f'numru ta' pajjiżi fi u barra mill-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi fi u barra minn pajjiżi li magħhom ir-Renju tad-Danimarka ikkonkluda Ftehim dwar Ħelsien mit-Taxxa Doppja.

23. X S.C.A. hija l-kumpannija omm fil-quċċata tal-grupp. Minħabba n-natura tagħha ta' impriża ta' investiment, X S.C.A. setgħet tiġi rreġistrata bħala "société d'investissement en capital à risque" (SICAR).

24. Dan ifisser li l-kumpannija hija eżenti mit-taxxa fuq il-profitti li joriġinaw mill-portafoll tagħha (jiġifieri dividendi u qligħ kapitali). Barra minn hekk, SICAR ma hijiex suġġetta għar-regoli dwar l-obbligu tat-tnaqqis tat-taxxa meta jitqassmu d-dividendi. X S.C.A. għandha 100 % tal-ishma f'X Sweden Holding AB (iktar 'il quddiem "X Sweden Holding"). X S.C.A. ma kinitx teżerċita attività oħra għajr il-parteċipazzjoni u s-self mogħti lil X Sweden Holding.

25. Min-naħa tagħha, X Sweden Holding iżżomm 97.5 % tal-ishma f'kumpannija Svediża (X Sweden) li min-naħa tagħha żżomm 100 % tal-ishma f'X Denmark A/S. X Sweden Holding hija l-kumpannija azzjonarja ta' X Sweden u din hija l-unika attività tagħha. Fis-27 ta' Diċembru 2006, X Sweden Holding ħadet self mingħand il-kumpannija omm tagħha X S.C.A. Fis-snin fiskali 2007, 2008 u 2009, l-ispejjeż ta' interessi korrispondenti tnaqqsu mid-dħul taxxabbli tal-kumpannija.

26. Fis-snin fiskali 2007 sa 2009 – konformement mar-regoli speċjali Svediżi dwar l-aġġustament tad-dħul għal finijiet ta' taxxa fi ħdan grupp skont il-Kapitolu 35 tal-Liġi Svediża dwar it-Taxxa fuq id-Dħul – X Sweden għamlet trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-grupp lill-kumpannija omm tagħha X Sweden Holding. It-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-grupp jistgħu jitnaqqsu mill-kumpannija li twettaq il-ħlas u għandhom jiġu ntaxxati mill-kumpannija destinatarja.

27. B'kuntratt ta' self tas-27 ta' Diċembru 2006, X Denmark irċeviet self ta' EUR 501 miljun mingħand il-kumpannija omm tagħha X Sweden. X Denmark ma imponietx taxxa f'ras il-għajn fuq il-krediti tal-interessi annwali għas-snin 2007, 2008 u 2009 peress li qieset lis-selliefa X Sweden bħala s-"sid benefiċjarju" tal-interessi. X Denmark naqqset l-ispejjeż tal-interessi mid-dħul taxxabbli tagħha.

28. Min-naħa tagħha, fil-bidu tal-2007, X Sweden impenjat ruħha fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' prodotti mal-awtoritajiet u bdiet teżerċita diversi kompiti amministrattivi b'rabta ma' provi kliniċi. Minn dak iż-żmien, din il-kumpannija impjegat madwar 10 ħaddiema.

6 Dan ifisser li għalkemm il-kumpannija tista' taġixxi fi tranżazzjonijiet legali, mil-lat fiskali l-profitt tal-kumpannija ma huwiex attribwit lilhom iżda direttament lill-azzjonisti li għandhom sehem proporzjonali fiha u li huma suġġetti għat-taxxa fir-rigward ta' dan il-profitt. Isegwi li, fil-prinċipju, ma huwiex l-Istat li fih hija stabbilita l-kumpannija iżda l-Istat ta' residenza tal-azzjonisti li jintaxxa id-"dħul tal-kumpannija" (hawnhekk, id-dħul mill-interessi tal-kumpanniji ta' investiment) fuq bażi *pro rata*.

29. Fis-snin 2007, 2008 u 2009, id-dħul mill-interessi kien jikkostitwixxi 98.1 %, 97.8 % u 98 % tad-dħul globali ta' X Sweden.

30. Fid-digriet tagħha tat-13 ta' Diċembru 2010, SKAT (l-Amministrazzjoni Finanzjarja Daniża) la rrikonoxxiet lil X Sweden, la lil X Sweden Holding u lanqas lil X S.C.A. bħala s-"sid benefiċjarju" tal-interessi fis-sens tad-Direttiva dwar l-imgħax u r-royalties u tal-Ftehim dwar Ħelsien mit-Taxxa rilevanti. Għall-kuntrarju, din qieset il-proprjetarji ta' X S.C.A. bħala s-"sidien benefiċjarji" tal-interessi. Dan id-digriet ġie kkontestat quddiem il-Landsskatteret (il-Kummissjoni Fiskali Nazzjonali). Peress li din ma ħaditx deċiżjoni, X Denmark ressqet rikors quddiem l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka).

31. L-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant) iddeċidiet li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari.

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

32. L-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant) għamlet id-domandi segwenti:

"1. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49/KE moqri flimkien mal-Artikolu 1(4) tal-istess direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpannija residenti fi Stat Membru li tkun koperta mill-Artikolu 3 tad-Direttiva u, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-każ preżenti, tirċievi interessi minn sussidjarja fi Stat Membru ieħor, hija s-'sid benefiċjarju' ta' dawn l-interessi fis-sens tad-Direttiva?

1.1. Il-kunċett ta' 'sid benefiċjarju' fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 1(4) tal-istess direttiva, għandu jiġi interpretat skont il-kunċett korrispondenti fl-Artikolu 11 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OECD tal-1977?

1.2. Jekk id-domanda 1.1 tingħata risposta fl-affermattiv, il-kunċett għandu f'dak il-każ jiġi interpretat biss fid-dawl tal-kummentarju dwar l-Artikolu 11 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OECD tal-1977 (paragrafu 8), jew jistgħu jiġu inkorporati kummentarji sussegwenti fl-interpretazzjoni, inklużi ż-żidiet magħmula fl-2003 rigward 'kumpanniji conduit' (paragrafu 8.1, issa paragrafu 10.1) u ż-żidiet magħmula fl-2014 dwar 'obbligi kuntrattwali jew legali' (paragrafu 10.2)?

1.3. Jekk il-kummentarji tal-2003 jistgħu jiġu inkorporati fl-interpretazzjoni, hija f'dak il-każ kundizzjoni sabiex kumpannija titqies li ma hijiex 'sid benefiċjarju' fis-sens tad-Direttiva 2003/49/KE li fil-fatt kien hemm allokazzjoni ta' fondi lil dawk il-persuni li huma meqjusa mill-Istat li fih il-persuna li tħallas l-interessi hija residenti bħala 'is-sidien benefiċjarji' tal-interessi inkwistjoni, u – jekk dan huwa l-każ – hija f'dak il-każ kundizzjoni oħra li l-mogħdija effettiva sseħħ f'punt qrib fiż-żmien għall-ħlas tal-interessi u/jew isseħħ bħala ħlas ta' interessi?

1.3.1 X'importanza għandu f'dan ir-rigward jekk kapital proprju jintuża għas-self, jekk l-interessi inkwistjoni jiddaħħlu fil-kapital ('inkorporati'), jekk ir-riċevitur tal-interessi sussegwentement ikun għamel trasferiment fi ħdan il-grupp lill-kumpannija omm tiegħu li hija residenti fl-istess Stat bl-għan li jiġi aġġustat id-dħul għal skopijiet ta' taxxa taħt ir-regoli prevalenti fl-Istat inkwistjoni, jekk l-interessi inkwistjoni sussegwentement jiġu kkonvertiti f'kapital fil-kumpannija li tissellef, jekk ir-riċevitur tal-interessi kellu obbligu kuntrattwali jew legali li jgħaddi l-interessi lil persuna oħra, u jekk il-parti l-kbira tal-persuni meqjusa mill-Istat fejn il-persuna li qed tħallas l-interessi hija residenti bħala 'is-sidien benefiċjarji' tal-interessi jkunu residenti fi Stati Membri oħrajn jew Stati oħrajn li magħhom id-Danimarka għanda konvenzjoni dwar it-taxxa doppja,

b’tali mod li taħt il-leġiżlazzjoni Daniża dwar it-taxxa ma kienx ikun hemm bażi sabiex tinżamm taxxa f’ras il-għajn kieku dawk il-persuni kienu persuni li jsellfu u għalhekk irċevew l-interessi direttament?

1.4. X’importanza għandu għall-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk ir-riċevitur tal-interessi għandux jitqies bħala ‘sid benefiċjarju’ għall-finijiet tad-Direttiva jekk il-qorti tar-rinviju, wara evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, tikkonkludi li r-riċevitur – mingħajr ma kien obbligat kuntrattwalment jew legalment li jgħaddi l-interessi rċevuti lil persuna oħra – ma kellux id-dritt ‘sħiħ’ ta’ ‘użufrutt’ fuq l-interessi kif imsemmi fil-Kummentarji tal-2014 fuq il-Mudell ta’ Konvenzjoni Fiskali tal-1977?

2. L-invokazzjoni minn Stat Membru tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva fuq l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali għall-prevenzjoni tal-frodi u l-abbuż, jew fuq l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva, tippreżupponi li l-Istat Membru inkwistjoni jkun adotta dispożizzjoni nazzjonali speċifika li timplementa l-Artikolu 5 tad-Direttiva, jew li d-dritt nazzjonali jinkludi dispożizzjonijiet jew prinċipji ġenerali dwar il-frodi, l-abbuż u l-evażjoni fiskali li jistgħu jiġu interpretati skont l-Artikolu 5?

2.1 Jekk id-domanda 2 tingħata risposta fl-affermattiv, jista’ l-paragrafu 2(2)(d) tal-Liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji, li tipprovdi li r-responabbiltà limitata għat-taxxa fuq id-dħul mill-interessi ma tinkludix ‘interessi li huma eżenti mit-taxxa [...] taħt id-Direttiva 2003/49/KE fuq sistema komuni ta’ taxxa applikabbli għall-pagamenti ta’ interessi u ta’ royalties magħmula bejn kumpanniji assoċjati ta’ Stati Membri differenti’, għalhekk jitqies bħala dispożizzjoni nazzjonali speċifika kif imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva?

3. Dispożizzjoni fi ftehim dwar it-taxxa doppja bejn żewġ Stati Membri u abbozzata skont il-Mudell ta’ Konvenzjoni Fiskali tal-OECD, skont liema t-tassazzjoni fuq l-interessi tiddependi fuq jekk ir-riċevitur tal-interessi jitqiesx li huwa s-sid benefiċjarju tal-interessi, hija dispożizzjoni konvenzjonali kontra l-abbuż koperta mill-Artikolu 5 tad-Direttiva?

4. Huwa abbuż, eċċ, taħt id-Direttiva 2003/49/KE jekk, fl-Istat Membru fejn min iħallas l-interessi huwa residenti, tnaqqis ta’ taxxa fuq l-interessi huwa awtorizzat, filwaqt li interessi fl-Istat Membru fejn ir-riċevitur tal-interessi huwa residenti ma humiex intaxxati?

5. Kumpannija residenti fil-Lussemburgu, stabbilita u rreġistrata taħt id-dritt tal-kumpanniji bħala ‘société en dommandite par actions’ (S.C.A.) u kklassifikata wkoll bħala ‘société d’investissement en capital á risque’ (SICAR) taħt il-liġi Lussemburgiża tal-15 ta’ Ġunju 2004 dwar kumpannija ta’ investiment f’kapital ta’ riskju (SICAR), hija koperta bid-Direttiva 2003/49/KE?

5.1 Jekk id-domanda 5 tingħata risposta fl-affermativ, tista’ ‘S.C.A./SICAR’ Lussemburgiża tkun is-‘sid benefiċjarju’ tal-interessi fis-sens tad-Direttiva 2003/49/KE, minkejja li l-Istat Membru tal-kumpannija li qed tħallas l-interessi hija residenti jqis il-kumpannija inkwistjoni bħala entità b’trasparenza fiskali taħt il-liġi interna tiegħu?

5.2 Jekk id-domanda 5 tingħata risposta fin-negattiv, sabiex il-kumpannija li qed tirċievi l-interessi ma titqiesx bħala s-‘sid benefiċjarju’ tal-interessi inkwistjoni, tista’ f’dak il-każ s-‘S.C.A./SICAR’, f’ċirkustanzi bħal dawk fil-każ preżenti, titqies bħala s-‘sid benefiċjarju’ tal-interessi inkwistjoni hawnhekk għall-finijiet tad-Direttiva?

6. Stat Membru li ma jixtieqx jirrikonoxxi li kumpannija fi Stat Membru ieħor hija s-sid benefiċjarju tal-interessi u jallega li l-kumpannija fl-Istat Membru l-ieħor hija hekk imsejħa kumpannija conduit artifiċjali, huwa obbligat taħt id-Direttiva 2003/49/KE jew taħt l-Artikolu 10 KE li jiddikjara f’liema Stat Membru jitqies li jinsab is-sid benefiċjarju f’dak il-każ?

7. Jekk kumpannija residenti fi Stat Membru (kumpannija omm) fil-fatt titqies li ma hijiex eżenti mit-taxxa f'ras il-għajn taħt id- Direttiva 2003/49/KE rigward interessi rċevuti minn kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor (sussidjarja), u l-kumpannija omm tal-Istat Membru tal-aħħar titqies li għandha responabbiltà limitata għat-taxxa fuq dawk l-interessi f'dak l-Istat Membru, l-Artikolu 43 KE moqri flimkien mal-Artikolu 48 KE, jipprekludu leġiżlazzjoni skont liema l-Istat Membru tal-aħħar jeżiġi li l-kumpannija li hija responsabbli sabiex iżżomm it-taxxa f'ras il-għajn (sussidjarja) tħallas l-interessi dovuti fil-każ ta' talba ta' ħlas pendenti tat-taxxa f'ras il-għajn b'rata ogħla ta' interessi mir-rata ta' interessi pendenti li l-Istat Membru jżomm fuq talbiet ta' taxxa fuq il-kumpanniji (inkluż dħul fuq l-interessi) magħmula kontra kumpannija residenti fl-istess Stat Membru?

8. Jekk kumpannija residenti fi Stat Membru (kumpannija omm) fil-fatt titqies bħala eżenti mit-taxxa f'ras il-għajn taħt id-Direttiva 2003/49/KE rigward interessi rċevuti minn kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor (sussidjarja), u l-kumpannija omm tal-Istat Membru tal-aħħar titqies bħala persuna taxxabbli b'responabbiltà limitata għat-taxxa fuq dawn l-interessi f'dak l-Istat Membru, l-Artikolu 43 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 48 KE (b'mod alternattiv, l-Artikolu 56 KE), meqjusa separatament jew b'mod sħiħ, jipprekludu leġiżlazzjoni skont liema:

a) l-Istat Membru tal-aħħar jitlob li l-persuna li tħallas l-interessi żżomm it-taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi u jirrendi lil dik il-persuna responsabbli lejn l-awtoritajiet għat-taxxa f'ras il-għajn mhux miġbura, fejn ma hemm l-ebda dmir bħal dan li tinżamm it-taxxa f'ras il-għajn meta r-riċevitur tal-interessi jkun residenti fl-Istat Membru tal-aħħar?

b) kumpannija omm fl-Istat Membru tal-aħħar ma kinitx tkun mitluba li tagħmel ħlasijiet bil-quddiem ta' taxxa fuq il-kumpanniji fl-ewwel sentejn fiskali, iżda kienet tibda tħallas it-taxxa fuq il-kumpanniji fi żmien ħafna iktar tard mid-data tal-maturità għat-taxxa f'ras il-għajn?

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija mitluba li tinkludi r-risposta għad-domanda 7 fir-risposta tagħha għad-domanda 8."

33. B'digriet tat-13 ta' Lulju 2016, il-Kawżi C-115/16, C-118/16 u C-119/16 ġew magħquda. N Luxembourg 1, X Denmark, C Danmark I, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Repubblika Taljana, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub dwar id-domandi preliminari fil-proċedura magħquda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017 – li kienet tkopri wkoll il-Kawżi C-116/16, C-117/16 u C-299/16 – ipparteċipaw N Luxembourg 1, X Denmark, C Danmark I, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Kummissjoni.

## V. L-analiżi ġuridika

### A. Fuq id-determinazzjoni tas-sid benefiċjarju (domandi 1 sa 1.4)

34. Bid-domandi 1 sa 1.4 tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, kif għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' sid benefiċjarju previst fl-Artikolu 1(1) moqri flimkien mal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2003/49. Għal dan il-għan, għandu jiġi ddeterminat il-kunċett ta' sid benefiċjarju fis-sens tad-Direttiva 2003/49 (1) u sussegwentement l-influwenza tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OECD (iktar 'il quddiem il-"Mudell ta' Konvenzjoni OECD") u tal-kummentarji tiegħu (iktar 'il quddiem il-"kummentarji OECD") dwar l-interpretazzjoni tiegħu (2).

### 1. Il-kunċett ta' sid benefiċjarju fis-sens tad-Direttiva 2003/49 (domandi 1 u 1.4)

35. Id-Direttiva 2003/49 hija intiża għat-twettiq ta' ugwaljanza fit-trattament fiskali ta' tranżazzjonijiet finanzjarji nazzjonali u transkonfinali bejn impriżi assoċjati.

#### a) Prinċipju bażiku: il-kreditur tal-interessi bħala s-sid benefiċjarju

36. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49, moqri fid-dawl tal-premessi 2 sa 4 tagħha huwa intiż sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja ġuridika ta' pagamenti ta' interessi transkonfinali billi jipprojbixxi t-tassazzjoni ta' interessi fl-Istat Membru tal-oriġini għad-detriment tas-sid benefiċjarju tal-interessi. Għaldaqstant, l-imsemmija dispożizzjoni tirrigwarda biss is-sitwazzjoni fiskali tal-kreditur tal-interessi [7].

37. Il-kreditur tal-interessi huwa l-persuna li, skont id-dritt ċivili, għandha pretensjoni għall-interessi f'isimha. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-sid benefiċjarju fis-sens tad-Direttiva 2003/49 fil-prinċipju huwa l-persuna li għandha d-dritt titlob il-ħlas ta' interessi taħt id-dritt ċivili [8].

38. Dan huwa kkonfermat mill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2003/49. Dan jeskludi li s-sid benefiċjarju jitqies bħala rappreżentant, amministratur fiduċjarju jew sinjatarju awtorizzat. Fil-każ tal-imsemmija persuni, id-dritt ma jiġix invokat f'isimhom stess (bħal fil-każ tar-rappreżentant jew tas-sinjatarju awtorizzat) jew inkella, għalkemm jiġi invokat f'isimhom stess, dan ma jsirx għan-nom tagħhom (bħal fil-każ ta' amministratur fiduċjarju). Minn dan jista' jiġi konkluż, *a contrario*, li fil-każijiet li fihom il-benefiċjarju tal-interessi jirċievi l-interessi f'ismu stess u għan-nom tiegħu (jiġifieri għall-benefiċċju tiegħu stess), dan ikun ukoll is-sid benefiċjarju.

39. Il-qorti tar-rinviju tindika li X Sweden ikkonkludiet ftehim ta' self ma' X Denmark. Għaldaqstant, hija tirċievi l-interessi għan-nom tagħha stess. Għalhekk, il-kwistjoni deċiżiva hija dwar jekk dawn l-interessi humiex irċevut għan-nom ta' persuna stess jew għan-nom ta' ħaddieħor. Persuna taġixxi għan-nom tagħha meta tkun tista' tiddeċiedi waħedha dwar l-użu tal-interessi u ġġorr ir-riskju tat-telf waħedha. Min-naħa l-oħra, persuna taġixxi għan-nom ta' ħaddieħor meta hija tkun assoċjata ma' terz b'tali mod li, bħala riżultat, dan it-terz iġorr ir-riskju ta' telf (fil-każ ineżami, tal-interessi).

#### b) Eċċezzjoni: l-amministratur fiduċjarju

40. Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2003/49, is-sid benefiċjarju skont id-dritt ċivili ma jkunx is-sid benefiċjarju fis-sens tad-direttiva jekk dan jaġixxi biss bħala amministratur fiduċjarju.

41. Mandat fiduċjarju ta' natura apparenti amministrat minn X Sweden għan-nom ta' X Sweden Holding jew ta' X S.C.A. jew ta' kumpanniji ta' investiment għandu jiġi eskluż. Għalkemm huwa minnu li drittijiet ta' proprjetà jiġu ttrasferiti lil amministratur fiduċjarju, dan jista' biss jużahom konformement mall-kuntratt fiduċjarju. Skont dan il-kuntratt, il-poter legali tal-amministratur fiduċjarju fir-rigward ta' terzi jeċċedi r-rabta ġuridika fiduċjarja tiegħu fir-relazzjoni interna mal-amministratur fiduċjarju. Hija biss din ir-rabta speċjali li twassal sabiex l-amministratur fiduċjarju jaġixxi f'ismu iżda mhux għan-nom tiegħu. Madankollu, fil-każ ineżami ma jidhirx li hemm tali rabta.

7 Sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Scheuten Solar Technology (C-397/09, EU:C:2011:499, punt 28).

8 Sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Scheuten Solar Technology (C-397/09, EU:C:2011:499, punt 27) – "F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/49 jiddefinixxi l-imsemmija imgħax bħala 'dħul minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull tip'. Issa, huwa biss il-benefiċjarju effettiv li jista' jirċievi imgħax li jikkostitwixxi d-dħul minn tali pretensjonijiet ta' debitu."

42. Hija biss il-qorti tar-rinviju li tista' tiddetermina, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali, jekk, b'kunsiderazzjoni għall-oriġini tal-kumpanniji involuti u tar-rabtiet ekonomiċi mill-qrib bejniethom, jistax jiġi kkonstatat, abbażi ta' approċċ ekonomiku, forma ta' mandat moħbi amministrat minn X Sweden, X Sweden Holding jew ta' X S.C.A għan-nom ta' kumpanniji ta' investiment. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi indikazzjonijiet utli għal dan il-għan.

43. Rifinanzjament, miftiehem kuntrattwalment, mingħand terz b'kundizzjonijiet simili u f'perijodu ta' żmien partikolari, ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex tiġi preżunta rabta fiduċjarja. Fl-Artikolu 1(7) u fil-premessa 4 tagħha, id-Direttiva 2003/49 ukoll tassumi ċerta interdipendenza korporattiva li fiha nnifisha, jiġifieri meta titqies waħedha, ma jistax ikollha influwenza fuq l-evalwazzjoni tas-sid benefiċjarju. Dan huwa enfasizzat ukoll fil-premessa 5 u fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/49 li, anki fil-każ ta' "relazzjoni speċjali" bejn il-pagatur u s-sid benefiċjarju, tipprevedi biss korrezzjoni tal-ammont mingħajr ma tikkonfuta l-kwalità tal-pagatur jew tas-sid benefiċjarju. Għalhekk, mandat fiduċjarju fis-sens tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2003/49 imur lil hinn minn kuntratt ta' self bejn impriżi assoċjati taħt id-dritt tal-kumpanniji.

44. Għall-kuntrarju, għandu jkun hemm obbligu addizzjonali *inter partes* (jiġifieri bejn il-kumpanniji ta' investiment u X Sweden Holding jew X Sweden) li tillimita l-poter ta' X Sweden u/jew ta' X Sweden Holding u/jew ta' X S.C.A fir-rigward ta' terzi. Madankollu, fil-każ ineżami ma hija identifikabbli ebda rabta ġuridika. Fi kwalunkwe każ, din ma tkunx iġġustifikata bis-sempliċi fatt li għas-self jintuża kapital proprju jew li l-interessi jingħaddu mad-dejn prinċipali jew jiġu kkonvertiti f'kapital proprju meta jaslu għand il-benefiċjarju.

45. Madankollu, fil-fehma tiegħi dan ma jkunx il-każ li kieku, pereżempju, l-ispejjeż normalment irċevuti mill-kumpanniji Lussemburgiżi u Svediżi ma setgħux jiġu koperti mid-dħul mill-interessi u l-interessi kellhom jiġu ttrasferiti esklużivament u integralment lil kumpanniji ta' investiment. Sitwazzjoni differenti tista' tapplika wkoll jekk ir-rata ta' interessi tar-rifinanzjament u r-rata ta' interessi rċevuti jkunu identiċi jew – kif inhuwa l-każ hawnhekk – jekk il-kumpannija interposta ma tinkorrix spejjeż proprji li għandhom jitħallsu mid-dħul tagħha mill-interessi. Is-sitwazzjoni tkun ukoll differenti jekk ir-riskju tas-solvenza tal-kumpannija stabbilita fid-Danimarka (X Denmark) iġorruh il-kumpanniji ta' investiment waħedhom, peress li f'dan il-każ, id-dejn ta' kumpanniji oħra, b'mod partikolari d-dejn ta' X S.C.A fir-rigward ta' kumpanniji ta' investiment jiskadi wkoll. Madankollu, hija biss il-qorti tar-rinviju li tista' tiddeċiedi jekk teżistix tali evidenza. Mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax, madankollu, jekk dan id-dejn ta' X S.C.A fir-rigward ta' kumpanniji tal-investiment kienx jeżisti fis-snin 2007 sa 2009. Madankollu, fil-każ ineżami, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, ma hemmx "trażmissjoni" tal-interessi fis-sens proprju. Huwa biss permezz tas-sistema Svediża tat-tassazzjoni ta' grupp li d-dħul ta' X Sweden mill-interessi jiġi kkumpensat bl-ispejjeż ta' interessi ta' X Sweden Holding. Madankollu, fil-prinċipju dan ma jimplikax bidliet fl-obbligi ċivili. Hija l-qorti nazzjonali li trid tiddeċiedi jekk qabelxejn tistax tiġi dedotta l-preżunzjoni ta' rabta fiduċjarja minn sistema fiskali ta' tassazzjoni ta' grupp.

46. Jekk, abbażi taċ-ċirkustanzi globali tal-każ individwali, il-qorti tar-rinviju tiddeduċi tali rabta fiduċjarja, skont il-kliem tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2003/49, l-amministratur fiduċjarju jkun is-sid benefiċjarju fis-sens tad-Direttiva 2003/49. Sakemm il-ħlas tal-interessi lilu permezz tal-amministratur fiduċjarju jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/49, l-eżenzjoni mit-tassazzjoni f'ras il-għajn tkun għadha applikabbli.

### c) Konklużjoni fir-rigward tad-domandi 1 u 1.4

47. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi 1 u 1.4 għandha tkun li kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor, li hija d-detentriċi tad-dejn li fuqu jitħallsu l-interessi, għandha titqies bħala s-sid benefiċjarju fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49. Dan ma jkunx japplika jekk din il-kumpannija ma taġixxix f'isimha u għan-nom tagħha iżda taġixxi għal terz u għan-nom ta' ħaddieħor abbażi ta' rabta fiduċjarja (possibbilment moħbija). F'dan il-każ, it-terz jitqies bħala s-sid benefiċjarju. Il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina dan l-aħħar punt bħala parti minn evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi kollha.

### 2. Interpretazzjoni skont il-kummentarji dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali? (domandi 1.1 sa 1.3)

48. Bid-domandi 1.1 sa 1.3, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod partikolari jekk għall-interpretazzjoni tal-kunċetti tad-Direttiva 2003/49 għandhomx japplikaw ukoll il-kummentarji dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD u, jekk tingħata risposta fl-affermattiv, jekk dan jinkludix kummentarji dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD elaborati wara l-adozzjoni tad-direttiva.

49. Fil-kummentarji l-iktar reċenti dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD (eż. tas-sena 2008 fil-paragrafu 8 u 9), l-hekk imsejħin "kumpanniji interposti" normalment ma jitqisux bħala sidien benefiċjarji jekk dawn, għalkemm formalment ikunu sidien benefiċjarji, fil-prattika jkollhom poteri limitati ħafna li jrenduhom, fir-rigward tad-dħul inkwistjoni, amministraturi fiduċjarji jew ġestjonarji li jaġixxu għan-nom tal-partijiet ikkonċernati.

50. Il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD ma humiex trattati internazzjonali multilaterali u vinkolanti bil-liġi, iżda atti unilaterali ta' organizzazzjoni internazzjonali fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri tagħha. Skont l-OECD, dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma humiex legalment vinkolanti; skont ir-regoli tal-proċedura tal-OECD, l-Istati Membri għandhom pjuttost jivverifikaw li l-implementazzjoni tagħhom tkun xierqa[9]. Dan japplika, *a fortiori*, għall-kummentarji elaborati mill-OECD, li fl-aħħar mill-aħħar jinkludi biss opinjonijiet legali.

51. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tat-tqassim ekwilibrat fdat lilhom tal-kompetenza fiskali, ma huwiex irraġonevoli jekk l-Istati Membri jispiraw ruħhom mill-prattika internazzjonali kif riflessa fil-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali[10]. Dan japplika wkoll għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-konvenzjonijiet legali internazzjonali li jista' jkun rifless fil-kummentarji dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD.

52. Madankollu, il-kummentarji dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD ma jistgħux ikollhom effett dirett fuq l-interpretazzjoni ta' direttiva tal-Unjoni, anki jekk it-termini użati jkunu identiċi. F'dan ir-rigward, dawn il-kummentarji jirriflettu biss il-fehma ta' dawk li jkunu ħadmu fuq il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD MKF OECD, iżda mhux il-fehma ta' leġiżlaturi parlamentari u wisq inqas tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Huwa biss jekk mill-kliem u mill-oriġini tad-direttiva jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien ispira ruħu mill-kliem tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD u mill-kummentarji elaborati (dak iż-żmien) marbuta ma' dan il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD li tali interpretazzjoni tkun indikata.

9 Regola 18(b) tar-regoli tal-proċedura tal-OECD: "Rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni, magħmula mill-Kunsill skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni, għandhom jiġu sottomessi lill-membri għall-kunsiderazzjoni sabiex, jekk iqisu xieraq, jipprovdu għall-implementazzjoni tagħhom". Ara: https://www.oecd.org/legal/rules%20of%20Procedure%20OECD%20Oct%202013.pdf.

10 Sentenzi tal-15 ta' Mejju 2008, Lidl Belgium (C-414/06, EU:C:2008:278, punt 22), tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, EU:C:2007:161, punt 49), tas--7 ta' Settembru 2006, N (C-470/04, EU:C:2006:525, punt 45), tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly (C-336/96, EU:C:1998:221, punt 31), tat-23 ta' Frar 2006, van Hilten-van der Heijden (C-513/03, EU:C:2006:131, punt 48); iżda ara wkoll, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, punt 67).

53. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li dispożizzjoni ta' ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja, meta interpretata fid-dawl tal-kummentarji dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD rilevanti, ma tistax tillimita d-dritt tal-Unjoni [11]. Dan japplika partikolarment għal emendi tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD u għall-kummentarji li jsiru wara l-adozzjoni tad-direttiva. Inkella l-Istati kontraenti tal-OECD ikunu jistgħu jiddeċiedu dwar l-interpretazzjoni ta' direttiva tal-Unjoni.

54. Madankollu, peress li l-kummentarji tal-OECD ma għandhomx effett dirett vinkolanti u d-Direttiva 2003/49 tiddistingwi, fl-Artikolu 1(4), skont jekk il-kreditur jirċevix il-pagamenti għan-nom tiegħu stess jew bħala amministratur fiduċjarju, din hija għalhekk il-kwistjoni deċiżiva (skont id-dritt tal-Unjoni) sabiex jiġi stabbilit sid benefiċjarju fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49. Jekk ma hemmx amministrazzjoni fiduċjarja (possibbilment moħbija), il-persuna li għandha pretensjoni taħt id-dritt ċivili hija wkoll is-sid benefiċjarju skont id-Direttiva 2003/49. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, dan huwa approċċ simili għal dak fil-kummentarji reċenti dwar il-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD.

55. Għaldaqstant, tista' tingħata r-risposta għad-domandi preliminari 1.1 u 1.2 li l-kunċett ta' sid benefiċjarju għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu skont id-dritt tal-Unjoni u indipendentement mill-Artikolu 11 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali OECD tal-1977 jew minn verżjonijiet sussegwenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domanda 1.3.

### B. Kriterji għall-preżunzjoni ta' abbuż (domanda 4)

56. Bir-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk fil-każ ta' arranġament bħal dak ineżami, li jevita, fost l-oħrajn, tassazzjoni f'ras il-għajn fid-Danimarka, jistax jitqies bħala abbuż fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 u jekk l-Istat Membru huwiex marbut jindika lil min iqis bħala sid benefiċjarju f'tali każ.

57. Il-kwistjoni dwar jekk jikkostitwixxix abbuż tiddependi minn analiżi globali taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ konkret individwali, li l-konstatazzjoni tagħha hija fdata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u li għandha tiġi suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju [12]. Huwa minnu li din l-analiżi globali għandha ssir mill-qorti tar-rinviju [13]. Madankollu, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-operazzjonijiet jitwettqux fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet kummerċjali normali jew jekk dawn isirux bl-iskop li jinkiseb abbużivament benefiċċju mill-vantaġġi previsti mid-dritt tal-Unjoni [14], il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi indikazzjonijiet utli lill-qorti tar-rinviju [15].

58. Għal dan il-għan, fl-ewwel lok, ser jiġi eżaminat fid-dettall il-kunċett ta' abbuż fid-dritt tal-Unjoni (taħt 1.) u sussegwentement ser jiġu eżaminati l-kriterji għall-eżistenza ta' abbuż fil-każ ineżami (taħt 2.).

11 Sentenza tad-19 ta' Jannar 2006, Bouanich (C-265/04, EU:C:2006:51, punti 50 u 56).

12 Sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem (C-28/95, EU:C:1997:369, punt 41) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 60).

13 Ara wkoll is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 59), tal-20 ta' Ġunju 2013, Newey (C-653/11, EU:C:2013:409, punt 49).

14 Sentenzi tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punt 35), tas-6 ta' April 2006, Agip Petroli (C-456/04, EU:C:2006:241, punt 20), tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, EU:C:2006:121, punti 68 u 69), tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata); ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 57).

15 Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 34), tal-21 ta' Frar 2008, Part Service (C-425/06, EU:C:2008:108, punt 56) u tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, EU:C:2006:121, punt 77).

### 1. Il-kunċett ta' abbuż fid-dritt tal-Unjoni

59. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49, l-Istati Membri ma għandhomx jiġu pprojbiti milli jieħdu miżuri xierqa sabiex jiġġieldu l-frodi jew l-abbuż (ara wkoll il-premessa 6).

60. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' sid benefiċjarju proposta iktar 'il fuq (punti 36 *et seq.*) ma tikkontradixxix dawn l-għanijiet. Għall-kuntrarju, huwa preċiżament l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 li jissodisfa dan l-għan, u mhux, prinċipalment il-kunċett ta' sid benefiċjarju (partikolarment l-involviment ta' amministratur fiduċjarju ma huwiex neċessarjament abbużiv).

61. Din id-dispożizzjoni fl-aħħar mill-aħħar tirrifletti dak li huwa rrikonoxxut ukoll fil-ġurisprudenza stabbilita: id-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi invokat frawdolożament jew abbużivament. Fil-fatt, l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża sabiex tkopri l-prattiki abbużivi ta' operaturi ekonomiċi, jiġifieri tranżazzjonijiet mwettqa mhux fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet kummerċjali normali, iżda bl-iskop biss li jinkisbu, abbużivament, vantaġġi previsti fid-dritt tal-Unjoni [16].

62. Madankollu, id-Direttiva 2003/49 innifisha ma tinkludix definizzjoni ta' abbuż. Indikazzjonijiet f'dan ir-rigward jistgħu iżda jingħataw f'direttivi oħra tal-Unjoni. Bħala eżempju standard ta' tali għan, fit-tieni sentenza tal-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Amalgamazzjonijiet [17] jissemma n-nuqqas ta' raġunijiet ekonomiċi validi għat-tranżazzjoni kkonċernata. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 tad-Direttiva li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa [18] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2016/1164"), li fis-snin kontenzjużi ma kinitx għadha applikabbli, jiddefinixxi l-kunċett ta' abbuż. Skont din id-definizzjoni, il-punt determinanti huwa jekk arranġament, li l-iskop prinċipali tiegħu jew wieħed mill-iskopijiet prinċipali tiegħu huwa li jinkiseb vantaġġ fiskali li jmur kontra l-għan jew l-iskop tal-leġiżlazzjoni fiskali applikabbli, huwiex ġenwin. Għall-finijiet tal-Artikolu 6(2), arranġament għandu jitqies li ma huwiex ġenwin sa fejn ma jkunx ġie stabbilit għal raġunijiet kummerċjali validi li jirriflettu r-realtà ekonomika.

63. Għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li, sabiex restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tkun tista' tiġi ġġustifikata b'motivi ta' ġlieda kontra prattiki abbużivi, l-għan speċifiku ta' din ir-restrizzjoni għandu jkun il-prevenzjoni ta' aġir li jikkonsisti fil-ħolqien ta' arranġamenti purament artifiċjali, nieqsa minn realtà ekonomika, bil-għan li tiġi evitata t-taxxa

16 Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 27), tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 38), tas-6 ta' April 2006, Agip Petroli (C-456/04, EU:C:2006:241, punt 20), tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punt 35) u tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, EU:C:2006:121, punti 68 u 69), tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata); ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 57).

17 Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika għall-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti tal-attivi u l-iskambji tal-ishma li jirrigwardaw il-kumpanniji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 142).

18 Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU 2016, L 193, p. 1).

normalment dovuta fuq il-profitti ġġenerati minn attivitajiet imwettqa fit-territorju nazzjonali[19]. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja sadanittant ukoll iddeċidiet kemm-il darba, huwa biżżejjed li l-arranġament ma jkollux bħala għan uniku l-kisba ta' vantaġġ fiskali[20] iżda li jikkostitwixxi l-għan essenzjali tat-tranżazzjoni inkwistjoni[21].

64. Din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tinkludi żewġ elementi li huma interdipendenti. Minn naħa, ir-rikonoxximent ta' arranġamenti purament artifiċjali li essenzjalment jeżistu fuq il-karta biss, huma miċħuda mill-bidu nett. Barra minn hekk, l-evażjoni tal-leġiżlazzjoni fiskali hija ta' importanza deċiżiva u tista' tintlaħaq ukoll bl-għajnuna ta' strutturi li jirriflettu r-realtà ekonomika. Is-sitwazzjoni tal-aħħar aktarx li hija l-iktar waħda prevalenti u issa hija koperta espliċitament fl-Artikolu 6 il-ġdid tad-Direttiva 2016/1164. F'deċiżjoni reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha tikkunsidra li n-natura purament artifiċjali ta' tranżazzjoni tikkostitwixxi biss element wieħed li juri li l-għan essenzjali huwa li jintlaħaq vantaġġ fiskali[22].

### *2. Kriterji għal dan il-każ*

#### *a) Fuq l-eżistenza ta' arranġament purament artifiċjali*

65. Hawnhekk bilkemm tista' tiġi preżunta skema purament artifiċjali li ma tirriflettix ir-realtà ekonomika. Din hija kontradetta mill-eżistenza ta' uffiċċji u min-numru ta' ħaddiema, kif ukoll mid-dħul u mill-infiq operazzjonali korrispondenti. Skont id-deċiżjoni preliminari, sa mill-bidu tal-2007 X Sweden impjegat għaxar ħaddiema u saret attiva fir-reġistrazzjoni ta' prodotti mal-awtoritajiet u bdiet twettaq diversi attivitajiet amministrattivi. Għaldaqstant, X Sweden aġixxiet ukoll b'mod reali fi tranżazzjonijiet legali, kif jixhed id-dħul mill-interessi u dħul ieħor.

66. F'dan ir-rigward, il-kompożizzjoni tad-dħul (li skont il-qorti tar-rinviju, 98 % minnu kien joriġina mill-interessi u 2 % kien dħul ieħor) hija irrilevanti f'dan ir-rigward. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet reċentement, il-fatt li l-attività ekonomika tikkonsisti fil-ġestjoni tal-attivi jew li d-dħul ġej biss minn din il-ġestjoni ma jistax, fih innifsu, jimplika l-eżistenza ta' skema purament artifiċjali, nieqsa minn kull realtà ekonomika[23]. Dan japplika *a fortiori* jekk hemm dħul ieħor ukoll. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari tal-qorti nazzjonali ma jidhirx li hemm indikazzjonijiet iktar iddettaljati li dawn l-attivitajiet esklużivament jeżistu fuq il-karti.

67. Fid-dawl tal-fatt li partikolarment kumpanniji li jiġġestixxu l-assi *per se* ftit (jistgħu) jiżvolġu attivitajiet, x'aktarx li huma ftit ir-rekwiżiti sabiex dan il-kriterju jiġi ssodisfatt. Jekk verament ikun hemm bażi effettiva, li l-kumpannija verament tkun tista' tiġi kkuntattjata fis-sede tagħha u jkollha riżorsi materjali u tal-persunal korrispondenti fuq il-post sabiex taqdi l-iskop tagħha (hawnhekk il-ġestjoni ta' kuntratt ta' self jew ta' attivitajiet oħra), imbagħad ma tistax tiġi kkunsidrata l-eżistenza ta' skema nieqsa minn kull realtà ekonomika.

19 Sentenzi tal-20 ta' Diċembru 2017, Deister Holding u Juhler Holding (C-504/16 u C-613/16, EU:C:2017:1009, punt 60), tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 35), tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha (C-303/07, EU:C:2009:377, punt 64), tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, EU:C:2007:161, punt 74); b'mod simili s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punt 55).

20 Ara wkoll is-sentenzi tal-20 ta' Ġunju 2013, Newey (C-653/11, EU:C:2013:409, punt 46), tat-12 ta' Lulju 2012, J. J. Komen en Zonen Beheer Heerhugowaard (C-326/11, EU:C:2012:461, punt 35), tas-27 ta' Ottubru 2011, Tanoarch (C-504/10, EU:C:2011:707, punt 51) u tat-22 ta' Mejju 2008, Ampliscientifica u Amplifin (C-162/07, EU:C:2008:301, punt 28).

21 Għal-leġiżlazzjoni fiskali indiretta: sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 53), tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 36) u tal-21 ta' Frar 2008, Part Service (C-425/06, EU:C:2008:108, punt 45); b'mod simili fil-kamp ta' applikazzjoni tal-hekk imsejħa Direttiva dwar l-Amalgamazzjonijiet: sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, FOGGIA-Sociedade Gestora de Participações Sociais (C-126/10, EU:C:2011:718, punti 35 u 36).

22 Ara, espressament, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 60).

23 Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Deister Holding u Juhler Holding (C-504/16 u C-613/16, EU:C:2017:1009, punt 73).

68. Iżda fil-fehma tiegħi dan ma jeskludix il-possibbiltà li xorta waħda jkun jeżisti arranġament fiskali abbużiv, kif juri wkoll il-kliem tal-Artikolu 6 ġdid tad-Direttiva 2016/1164.

### *b) Motivi extrafiskali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni*

69. Għaldaqstant, fil-każ ineżami hemm kriterji oħra li huma ta' importanza deċiżiva, partikolarment il-motivi mhux relatati mad-dritt fiskali.

70. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-fatt li s-sede, statutorju jew reali, ta' kumpannija, tiġi stabbilita konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru bil-għan li l-kumpannija tibbenefika minn leġiżlazzjoni iktar vantaġġuża, ma huwiex fih innifsu biżżejjed sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' abbuż [24]. Għalhekk, is-sempliċi fatt li fit-tranżazzjoni korporattiva inkwistjoni ma' investituri barranin ġew involuti wkoll kumpanniji mil-Lussemburgu u mill-Isvezja ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika l-preżunzjoni ta' abbuż.

71. Barra minn hekk, il-persuna taxxabbli, meta jkollha l-possibbiltà li tagħżel bejn żewġ tranżazzjonijiet, ma hijiex obbligata tagħżel dik li timplika l-ogħla ħlas tat-taxxa; għall-kuntrarju, il-persuna taxxabbli għandha d-dritt li tagħżel l-istruttura tal-attività tagħha b'mod li tillimita d-dejn fiskali tagħha [25]. Dan ifisser, kif tissokta tgħid il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-persuni taxxabbli għalhekk huma ġeneralment liberi li jagħżlu l-istrutturi organizzazzjonali u l-għamliet ta' tranżazzjonijiet li huma jqisu adattati għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom u għall-finijiet ta' limitazzjoni tal-piż fiskali tagħhom [26]. B'hekk, is-sempliċi fatt li f'dan il-każ intgħażlet struttura ta' tranżazzjoni li ma tinkorrix l-ogħla piż fiskali (fil-każ inkwistjoni, tassazzjoni addizzjonali u definittiva f'ras il-għajn) ma jistax jiġi deskritt bħala abbuż.

72. Barra minn hekk, lil hinn minn arranġament purament artifiċjali li ma jirriflettix realtà ekonomika, ċittadin tal-Unjoni, persuna fiżika jew ġuridika, ma jistax jiċċaħħad mid-dritt li jinvoka d-dispożizzjonijiet tat-Trattat minħabba li xtaq japprofitta mill-vantaġġi fiskali fis-seħħ fi Stat Membru differenti mill-Istat ta' residenza [27]. Għaldaqstant, struttura ta' tranżazzjoni bħal dik ineżami, li tinvolvi Stat Membru li jirrifjuta tassazzjoni f'ras il-għajn, ma tistax titqies abbużiva minħabba din ir-raġuni waħedha.

73. F'dan ir-rigward, il-libertà ta' stabbiliment tinkludi wkoll l-għażla tal-Istat Membru li, fil-fehma tal-impriża inkwistjoni, joffri l-aħjar kundizzjonijiet fiskali. Jekk dan il-prinċipju japplika għal-leġiżlazzjoni dwar il-VAT, manifestament iktar armonizzata [28], dan għandu japplika, *a fortiori*, għal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq id-dħul li ma hijiex daqstant armonizzata, fejn diverġenza tas-sistema fiskali [29] tal-Istati Membri rispettivi hija mixtieqa skont id-dritt tal-Unjoni jew hija xjentement aċċettata u/jew politikament aċċettata.

24 Ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo (C-106/16, EU:C:2017:804, punt 40), tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, EU:C:2003:512, punt 96) u tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punt 27).

25 Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 42), tat-22 ta' Diċembru 2010, Weald Leasing (C-103/09, EU:C:2010:804, punt 27), tal-21 ta' Frar 2008, Part Service (C-425/06, EU:C:2008:108, punt 47) u tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, EU:C:2006:121, punt 73).

26 Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 42), tat-22 ta' Diċembru 2010, RBS Deutschland Holdings (C-277/09, EU:C:2010:810, punt 53).

27 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punt 36); ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003, Barbier (C-364/01, EU:C:2003:665, punt 71).

28 Sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 42), u tat-22 ta' Diċembru 2010, RBS Deutschland Holdings (C-277/09, EU:C:2010:810, punt 53).

29 Ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punt 36); dwar id-diverġenza tar-rati tat-taxxa awtorizzata skont id-dritt tal-Unjoni, saħansitra fil-leġiżlazzjoni fiskali armonizzata, ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punti 39 u 40).

74. Barra minn hekk, fid-dawl tal-libertajiet fundamentali rilevanti anki fil-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li s-sempliċi fatt li kumpannija residenti tingħata self minn kumpannija relatata stabbilita fi Stat Membru ieħor ma jistax jistabbilixxi preżunzjoni ġenerali ta' prattiki abbużivi u jiġġustifika miżura li thedded l-eżerċizzju ta' libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat[30]. Konsegwentement, fil-każ ineżami lanqas id-diversi relazzjonijiet ta' self bejn kumpanniji omm, sussidjarji u sottosussidjarji ma huma abbużivi fihom infushom.

75. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat ukoll li l-eżenzjoni fiskali tad-dividendi prevista fid-dritt tal-Unjoni ma tiddependix mill-oriġini jew mir-residenza tal-azzjonisti peress li dan huwa irrilevanti għad-Direttiva dwar Kumpanniji Omm u Sussidjarji[31]. Id-Direttiva 2003/49 lanqas ma tinkludi tali distinzjoni. Għalhekk, meqjus iżolament, il-fatt li l-azzjonist ta' X Sweden hija kumpannija Svediża (X Sweden Holding), li l-azzjonista tagħha hija kumpannija Lussemburgiża (X S.C.A), u li l-azzjonisti ta' X. S.C.A, min-naħa tagħhom, huma kumpanniji ta' investiment stabbiliti fi Stat terz lanqas ma huwa abbużiv.

76. Fil-fehma tiegħi, fil-każ inkwistjoni, il-qafas leġiżlattiv tal-arranġament li huwa meqjus abbużiv għandu rwol għall-analiżi globali. Kif irrilevat mill-partijiet fis-seduta, il-leġiżlazzjoni fiskali li kienet fis-seħħ fil-passat fid-Danimarka kienet favorevoli għal investituri barranin li riedu jakkwistaw kumpanniji operazzjonali fid-Danimarka permezz ta' kumpannija holding Daniża (iffinanzjata minn terzi). L-akkwist tal-grupp seħħ fl-2005. Din il-leġiżlazzjoni iktar tard ġiet emendata mir-Renju tad-Danimarka (għas-sena 2006) għad-detriment ta' investituri billi ġiet introdotta taxxa f'ras il-għajn korrispondenti li wasslet għal piż fiskali addizzjonali u definittiv.

77. Kull Stat huwa liberu li jemenda l-leġiżlazzjoni fiskali applikabbli. Madankollu, kwalunkwe emenda twassal sabiex jinbidlu wkoll il-bażijiet ta' kalkolu ekonomiċi għall-partijiet involuti. Fil-fehma tiegħi, it-tentattiv li jinżammu l-bażijiet ta' kalkolu preċedenti ta' tranżazzjoni korporattiva (hawnhekk l-akkwist ta' kumpannija Daniża operazzjonali bl-għajnuna ta' investituri barranin) huwa abbużiv. Fil-fatt, kull impriża hija mistennija tagħmel il-kalkoli tagħha b'mod ekonomiku.

### *c) Fuq l-evażjoni tal-iskop tal-liġi*

78. Madankollu, f'dan il-każ iktar huwa sinjifikanti l-fatt li l-kontributuri finanzjarji effettivi, hawnhekk A Fund bil-ħames kumpanniji ta' investiment tagħha, kemm jekk jitqisux trasparenti kif ukoll mhux trasparenti skont il-leġiżlazzjoni fiskali, ħafna drabi għandhom is-sede tagħhom fi Stati terzi partikolari (normalment fi gżejjer żgħar bħall-Gżejjer Kajman[32], Bermuda[33] jew, bħal fil-każ ineżami, f'Jersey[34]). Dan jista' jindika approċċ inabitwali fl-intier tiegħu, li l-motiv ekonomiku tiegħu ma huwiex dedott *prima facie*. Il-kumpanniji ta' investiment setgħu jiġu stabbiliti wkoll fi Stati oħra, partikolarment jekk, kif ġie enfasizzat mir-rappreżentant tar-rikorrenti fis-seduta, xorta waħda għandhom jitqiesu bħala trasparenti skont il-leġiżlazzjoni fiskali.

79. Għaldaqstant, l-istruttura ġenerali tista' titqies bħala arranġament abbużiv minħabba l-"istabbiliment" tal-kumpannija/i ta' investiment fi Stati terzi partikolari milli minħabba l-"involviment" ta' kumpanniji Lussemburgiżi u Svediżi. Hawnhekk l-iskop tal-arranġament u/jew l-iskop tal-leġiżlazzjoni fiskali evitata (hawnhekk it-tassazzjoni fid-Danimarka) għandu sinjifikat partikolari.

30 Sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, EU:C:2007:161, punt 73), tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punt 50); ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-334/02, EU:C:2004:129, punt 27) u tas-26 ta' Settembru 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-478/98, EU:C:2000:497, punt 45).

31 Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Deister Holding u Juhler Holding (C-504/16 u C-613/16, EU:C:2017:1009, punt 66).

32 Fil-Kawża C-119/16.

33 Fil-Kawża C-117/16.

34 Fil-Kawża C-299/16.

*1) Evażjoni tal-impożizzjoni tat-tassazzjoni Daniża fuq id-dħul?*

80. L-ewwel nett għandu jiġi rrilevat li d-Danimarka ntaxxat il-profitt tal-grupp operazzjonali akkwistat. Dawn il-profitti ġew intaxxati b'mod għalkollox normali fil-pajjiż li fih hija stabbilita l-kumpannija (jiġifieri fid-Danimarka).

81. Il-profitti tal-kumpannija omm tal-grupp residenti fid-Danimarka ukoll kienu ntaxxati fl-intier tagħhom fid-Danimarka. Il-fatt li dawn il-profitti naqsu minħabba l-ħlasijiet tal-interessi lill-kreditur fl-Isvezja jikkostitwixxi tassazzjoni tal-kapaċità finanzjarja u jfisser li d-Danimarka tirrikonoxxi dawn l-interessi bħala spejjeż operazzjonali fl-intier tagħhom.

82. Dawn l-interessi ġew intaxxati fl-Isvezja bħala spejjeż operazzjonali tal-kumpannija Svediża. Il-fatt li l-ħlasijiet tal-interessi lill-investitur ta' X Sweden Holding, min-naħa tagħhom, ittieħdu inkunsiderazzjoni bħala spejjeż operazzjonali jfisser li anki f'dan il-pajjiż ġie osservat il-prinċipju ta' tassazzjoni skont il-kapaċità finanzjarja. L-Isvezja ntaxxat id-differenza bejn l-interessi li tħallsu mid-Danimarka u l-interessi li tħallsu lil X S.C.A fil-Lussemburgu. L-istess japplika fil-prinċipju, fir-rigward ta' X S.C.A, li d-dħul tal-interessi tagħha huwa ntaxxat fil-Lussemburgu.

83. Iż-żewġ kumpanniji Svediżi huma taxxabbli mingħajr restrizzjonijiet fl-Isvezja u huma suġġetti, f'dan il-pajjiż, għat-taxxa fuq il-kumpanniji fir-rigward tad-dħul tagħhom. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti tal-punt iii tal-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2003/49 huma ssodisfatti. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li minn ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2003/49 ma jista' jiġi dedott li s-sid benefiċjarju (hawnhekk kumpanniji Svediżi) irid jiġi suġġett għal ċertu ammont ta' tassazzjoni sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni. Huwa minnu li jekk fil-pajjiż li fih hija stabbilita l-kumpannija s-sid benefiċjarju jkollu spejjeż operazzjonali ta' livell korrispondenti (jew għad għandu riporti tat-telf mis-snin preċedenti) dan ma jwassalx għal tassazzjoni konkreta, iżda din il-persuna taxxabbli xorta waħda tkun suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji. Għaldaqstant, din tkun taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49 u d-dħul tagħha mill-interessi sussegwentement jiġi ntaxxat "fi Stat Membru". Dan huwa wkoll minnu jekk fil-pajjiż li fih huwa stabbilit is-sid benefiċjarju jkun hemm biss rata ta' taxxa korporattiva baxxa u ma jkunx hemm tassazzjoni f'ras il-għajn. Dan japplika wkoll, fil-prinċipju, għall-kumpannija Lussemburgiża X.S.C.A, għalkemm iċ-ċirkustanzi uniċi ta' SICAR huma diskussi f'iktar dettall iktar 'il quddiem (ara l-punt 91 *et seq.*)

84. Kwalunkwe tassazzjoni baxxa jew nuqqas ta' tassazzjoni li jista' jkun hemm huma konsegwenza tal-awtonomija fiskali ta' kull Stat. Jekk, minħabba nuqqas ta' armonizzazzjoni tat-taxxi fuq id-dħul fl-Unjoni, il-kompetizzjoni fiskali bejn l-Istati Membri hija permessa skont id-dritt tal-Unjoni, persuna taxxabbli ma tistax tiġi akkużata li qiegħda tagħmel użu mill-vantaġġi ta' ċerti Stati Membri anki fir-realtà (jiġifieri mhux fuq il-karta biss).

*2) Prevenzjoni tal-isfruttament ta' insuffiċjenza tat-tagħrif transkonfinali*

85. B'konsapevolezza, l-involviment tal-kumpanniji Lussemburgiżi u Svediżi fl-aħħar mill-aħħar "sempliċement" jipprevjeni t-tassazzjoni f'ras il-għajn tal-ħlas tal-interessi fid-Danimarka. Madankollu, kif ddeċidiet diġà l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ ta' tassazzjoni f'ras il-għajn, il-persuna taxxabbli hija d-destinatarja tad-dħul (hawnhekk tal-interessi)[35]. Dan iseħħ billi parti mid-dħul li jsir mill-pagatur jinżamm fis-sors.

35 Sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, P. Ferrero u General Beverage Europe (C-338/08 u C-339/08, EU:C:2010:364, punti 26 u 34) u tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda (C-284/06, EU:C:2008:365, punt 52).

86. Għaldaqstant, tassazzjoni f'ras il-għajn fil-pajjiż li fih huwa stabbilit id-debitur tal-interessi ma tikkostitwixxix tip ta' taxxa separata iżda biss teknika ta' tassazzjoni speċjali sabiex essenzjalment tiġi żgurata tassazzjoni (minima) tal-benefiċjarju tal-interessi. Dan għaliex, partikolarment f'każ ta' sitwazzjonijiet barra mill-pajjiż, mhux dejjem jista' jiġi żgurat li l-benefiċjarju jintaxxa d-dħul tiegħu kif suppost. Fil-fatt, normalment il-pajjiż li fih huwa stabbilit il-benefiċjarju tal-interessi rari jsir jaf dwar id-dħul tiegħu minn barra mill-pajjiż sakemm ma jkunx hemm, kif sadanittant saru jeżistu fl-Unjoni, sistemi għall-iskambju tad-data bejn l-awtoritajiet tal-finanzi.

87. Għaldaqstant, għal evażjoni abbużiva ta' dan l-iskop tal-liġi (sigurtà tat-tassazzjoni tal-benefiċjarju tal-interessi) iridu jiġu ssodisfatti żewġ rekwiżiti. L-ewwel nett, fil-każ ta' ħlas dirett, id-Danimarka għandu jkollha pretensjoni fiskali (f'dan ir-rigward, ara l-punti 102 *et seq.*). It-tieni nett, għandu jkun hemm riskju ta' nuqqas ta' tassazzjoni minħabba nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' dan id-dħul fl-Istat effettivament destinatarju.

88. Konsegwentement, jekk waħda mir-raġunijiet għalfejn intgħażlet l-istruttura ta' tranżazzjoni tkun li jitħallsu l-interessi lill-investituri permezz ta' Stat terz, sabiex il-pajjiżi fejn dawn huma stabbiliti ma jirċevux informazzjoni dwar id-dħul tagħhom, dan l-arranġament globali fil-fehma tiegħi jkun jikkostitwixxi abbuż ta' dritt.

89. Min-naħa l-oħra, tali allegazzjoni ta' abbuż tista' tiġi kkonfutata jekk il-kreditur ta' investiment fl-Istat terz iħallas debitament it-taxxa fuq l-interessi jew jipprovdi l-informazzjoni fiskali rilevanti lill-Istati ta' residenza tal-investituri tiegħu meta jitħallsu d-dividendi lilhom. F'dan il-każ, tali struttura korporattiva ma tkunx timmina l-iskop tat-tassazzjoni f'ras il-għajn li ġiet evitata (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 86 iktar 'il fuq). Dan ukoll irid jittieħed inkunsiderazzjoni mill-qorti fl-evalwazzjoni globali.

### *d) Ir-risposta għad-domanda 4*

90. Fil-każ ta' evażjoni tat-taxxa f'ras il-għajn fir-rigward ta' ħlasijiet ta' interessi lil kumpanniji ta' investiment stabbiliti fi Stati terzi, għandha tiġi analizzata prinċipalment l-evażjoni tat-tassazzjoni tad-dħul mill-interessi mill-benefiċjarji tal-interessi (jiġifieri l-investituri). Fil-każ ineżami, jista' partikolarment jiġi preżunt abbuż jekk l-istruttura korporattiva magħżula jkollha l-għan li tisfrutta ċerti nuqqasijiet fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati involuti sabiex tiġi evitata tassazzjoni effettiva tal-benefiċjarji tal-interessi.

## C. Pagamenti lil S.C.A., SICAR (domandi 5 u 5.1)

91. Il-ħames domanda tqum jekk la l-kumpanniji Svediżi u lanqas il-kumpanniji ta' investiment ma jitqiesu bħala s-sid benefiċjarju tal-ħlas tal-interessi, iżda titqies hekk il-kumpannija intermedjarja Lussemburgiża. F'din il-kawża jidher li l-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva 2003/49 tkoprix ħlas tal-interessi lil kumpannija Lussemburgiża stabbilita bħala soċjetà in akkomandita b'responsabbiltà limitata ("Société en commandite par actions" – S.C.A.) jekk din fl-istess waqt tibbenefika minn trattament fiskali pprivileġġat bħala kumpannija ta' investiment f'kapital ta' riskju ("société d'investissement en capital à risque" – SICAR).

92. Dan il-benefiċċju huwa rifless fil-fatt li, filwaqt li S.C.A., li ġiet awtorizzata bħala SICAR mis-superviżjoni finanzjarja, hija suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji, id-dħul tagħha minn titoli kif ukoll mill-bejgħ, mit-trasferiment jew mil-likwidazzjoni tat-titoli tagħha, huwa eżentat mit-taxxa fuq il-kumpanniji. Min-naħa l-oħra, mid-dritt Lussemburgiż ma jistax jiġi dedott li anki d-dħul mill-interessi ta' self ikun eżentat mit-taxxa.

93. F'dan ir-rigward, mill-kliem tal-Artikolu 3(a)(iii) moqri flimkien mal-anness, joħroġ ċar li société en commandite par actions (S.C.A.) taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li minn l-ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2003/49 ma jista' jiġi dedott li s-sid benefiċjarju (hawnhekk il-kumpanniji Lussemburgiżi) irid jiġi suġġett għal ċertu ammont ta' tassazzjoni attwali sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni. L-isforzi tal-Kummissjoni għal emenda f'dan ir-rigward[36], sabiex l-eżenzjoni ma tkunx marbuta biss ma' tassazzjoni korporattiva tal-kumpannija iżda ma' tassazzjoni "effettiva" tad-dħul mill-interessi u mir-royalties, sa issa ma ġewx implimentati.

94. Ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk fil-kuntest ta' interpretazzjoni teleoloġika jirriżultax mod ieħor meta Stat Membru jippermetti li forma korporattiva stabbilita fl-anness tad-Direttiva 2003/49 tkun suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji iżda d-dħul *kollu* kopert mid-direttiva (jiġifieri d-dħul mill-interessi u mir-royalties) jiġi eżentat mit-taxxa. Milli jidher, il-ħlas tal-interessi "normali" ma huwiex eżentat mit-taxxa fuq il-kumpanniji. Dan il-każ speċifiku lanqas ma jinvolvi ħlas tad-dividendi li fir-rigward tiegħu wkoll tista' tqum il-kwistjoni ta' interpretazzjoni teleoloġika tad-direttiva.

95. Il-fatt li ż-żidiet fil-valur tal-attiv ta' SICAR ma jiġux intaxxati fil-każ ta' bejgħ sussegwenti essenzjalment jikkostitwixxi biss tnaqqis tat-taxxa korporattiva fir-rigward ta' din il-kumpannija (sa fejn ikun hemm żidiet fil-valur). Madankollu, skont il-kliem ċar tal-Artikolu 3(a)(iii), ikun ta' detriment biss jekk is-S.C.A. tiġi eżentata mit-taxxa fuq il-kumpanniji. Min-naħa l-oħra, tnaqqis tat-taxxa korporattiva ma hijiex detrimentali.

96. Din il-konklużjoni lanqas ma tagħti lok għal tħassib fir-rigward tal-għan persegwit mid-Direttiva 2003/49. Kif spjegajt iktar 'il fuq (punti 86 *et seq.*), dan l-għan huwa li tiġi evitata tassazzjoni doppja u li jkun hemm ugwaljanza fit-trattament tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn operazzjonijiet nazzjonali u operazzjonijiet transkonfinali li jsiru bejn kumpanniji assoċjati. Fl-istess waqt għandha tiġi żgurata tassazzjoni unika fi Stat Membru. Dan ikun ukoll il-każ jekk il-Lussemburgu japplika tassazzjoni korporattiva baxxa ħafna (jew, bħal fil-każ ineżami, imnaqqsa).

97. Għaldaqstant, ir-risposta għad-domandi 5 u 5.1 għandha tkun li l-ħlas tal-interessi minn self lil S.C.A. Lussemburgiża, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49 anki jekk l-Istat li fih hija stabbilita l-kumpannija jkun irreġistraha bħala SICAR.

## D. Evalwazzjoni tal-istatus tal-benefiċjarju tal-interessi bħala suġġett tad-dritt fiskali (domanda 5.2)

98. Bid-domanda 5.2 tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49 jistax jiddependi mill-evalwazzjoni tal-kumpannija benefiċjarja bħala mhux fiskalment trasparenti (jiġifieri bħala suġġett ta' taxxa indipendenti) skont l-interpretazzjoni nazzjonali tal-Istat tat-taxxa f'ras il-għajn.

99. Madankollu, ma huwiex ċar għalfejn S.C.A., li tissemma espressament fl-anness tad-Direttiva 2003/49, għandha titqies bħala kumpannija trasparenti. Id-direttiva teżiġi li l-kumpannija destinatarja tkun suġġetta għat-taxxa fuq id-dħul nazzjonali (fil-każ tal-Lussemburgu, għall-"impôt sur le revenu des collectivités") li, fil-każ ta' kumpannija trasparenti, ikun eskluż. It-trattament speċjali bħala SICAR ma jimplika xejn differenti. Bħala konklużjoni, Stat Membru ma jistax jikkontesta l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49 billi jikkonfuta n-natura bħala entità taxxabbli tal-forom tal-kumpanniji elenkati fl-anness tad-Direttiva 2003/49.

36 Punt 1 tal-Artikolu 1 tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/49/KE dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpanniji assoċjati ta' Stati Membri differenti, tat-30 ta' Diċembru 2003, COM(2003) 841 final, 2003/0331(CNS) u tal-11 ta' Novembru 2011, COM(2011) 714 final, 2011/0314(CNS).

100. Għaldaqstant, ir-risposta għad-domanda 5.2 għandha tkun li għall-invokazzjoni tal-eżenzjoni minn tassazzjoni f'ras il-għajn skont id-Direttiva 2003/49 ma huwiex rilevanti jekk l-Istat tat-taxxa f'ras il-għajn jqisx il-kumpannija benefiċjarja bħala trasparenti jekk din tkun elenkata espressament fl-anness tad-Direttiva 2003/49.

**E. Fuq l-indikazzjoni tas-sid benefiċjarju effettiv (domanda 6)**

101. Bid-domanda 5, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Istat Membru li ma jixtieqx jirrikonoxxi li l-benefiċjarju tal-interessi huwa wkoll is-sid benefiċjarju fis-sens tad-Direttiva 2003/49, abbażi tal-fatt li, fil-fehma tiegħu, dan huwa sempliċement "kumpannija interposta artifiċjali", huwiex obbligat jiddikjara lil min iqis bħala s-sid benefiċjarju effettiv. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju essenzjalment qiegħda tindirizza l-kwistjoni tal-oneru tal-prova għall-eżistenza ta' abbuż.

102. Abbuż tal-possibbiltajiet ġuridiċi tal-arranġament jimplika li jintgħażel arranġament legali li jidderoga mill-arranġament magħżul normalment, arranġament li jwassal għal *riżultat iktar favorevoli* mill-arranġament "normali". F'dan il-każ, għandu jitqies li hemm "arranġament normali" jekk tkun teżisti relazzjoni ta' self diretta bejn l-investituri u r-rikorrent fil-kawża prinċipali għall-finijiet tal-akkwist tal-kumpannija mira.

103. Fil-prinċipju, hija l-amministrazzjoni finanzjarja li trid turi li l-approċċ magħżul huwa iktar favorevoli mil-lat fiskali milli l-arranġament normali, filwaqt li l-persuna taxxabbli tista' tkun suġġetta għal obbligu ta' kooperazzjoni. Madankollu, il-persuna taxxabbli tista' tipproduċi "jekk ikun il-każ […] provi dwar ir-raġunijiet kummerċjali għat-tranżazzjoni" [37]. Fil-każ li dan juri li l-għan prinċipali [38] ma kienx l-evażjoni ta' taxxi li normalment kienu jkunu dovuti, l-approċċ magħżul ma jistax jitqies bħala abbużiv, peress li l-Istat innifsu joffri dawn il-possibbiltajiet ta' arranġament lill-persuna taxxabbli.

104. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [39] jirriżulta wkoll li l-konstatazzjoni ta' aġir abbużiv għandha l-konsegwenza li tiġi ddeterminata, qabelxejn, is-sitwazzjoni li kienet tkun teżisti fin-nuqqas tat-tranżazzjonijiet li jrendu l-prattika abbużiva, u sussegwentement, tiġi evalwata din is-sitwazzjoni kklassifikata mill-ġdid abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, għal dan il-għan, trid tkun magħrufa l-identità tas-sid benefiċjarju effettiv.

105. Għaldaqstant, mill-perspettiva Daniża, abbuż fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 jista' jirriżulta biss jekk il-ħlas dirett tal-interessi jkun iwassal għal tassazzjoni korrispondenti fid-Danimarka. Madankollu, skont id-dritt Daniż dan huwa eskluż jekk, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-hekk imsejħa kumpanniji intermedjarji (hawnhekk, X Sweden, X Sweden Holding u X S.C.A), il-benefiċjarju effettiv tal-interessi jkun ukoll impriża b'sede fi Stat Membru ieħor jew jekk il-benefiċjarju tal-interessi jkun stabbilit fi Stat li miegħu r-Renju tad-Danimarka kkonkluda ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja. Jekk il-kumpanniji ta' investiment huma effettivament kumpanniji fiskalment trasparenti, kull investitur ikollu jittieħed inkunsiderazzjoni individwalment sabiex tingħata risposta għal din id-domanda.

37 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, EU:C:2007:161, punt 92).

38 Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 53), tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 36), tal-21 ta' Frar 2008, Part Service (C-425/06, EU:C:2008:108, punt 45).

39 Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 47), tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 52) u tal-21 ta' Frar 2008, Part Service (C-425/06, EU:C:2008:108, punt 58).

106. Għaldaqstant, ir-risposta għad-domanda 6 hija li l-Istat Membru li ma jixtieqx jirrikonoxxi li kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, li jkunu tħallsu l-interessi lilha, hija s-sid benefiċjarju tal-interessi, fil-prinċipju jrid jiddikjara min fil-fehma tiegħu huwa s-sid benefiċjarju effettiv sabiex jiġi preżunt abbuż. Dan huwa neċessarju sabiex ikun jista' jiġi kkonstatat jekk huwiex qabelxejn qiegħed jinkiseb eżitu iktar favorevoli skont il-leġiżlazzjoni fiskali permezz tal-arranġament ikklassifikat bħala abbużiv. Madankollu, speċjalment fil-każ ta' sitwazzjonijiet transkonfinali, il-persuni taxxabbli jistgħu jkunu suġġetti għal obbligu ta' kooperazzjoni ikbar.

## F. Fuq l-invokazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 (domandi 2 sa 3)

107. Bid-domandi 2, 2.1 u 3, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk (1) ir-Renju tad-Danimarka jistax jinvoka direttament l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 sabiex tiġi rrifjutata l-eżenzjoni tal-persuna taxxabbli. Jekk dan ma jkunx il-każ għandu jiġi kkjarifikat jekk (2) ir-Renju tad-Danimarka ittrasponiex suffiċjentement l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 fid-dritt nazzjonali.

### *1. Ebda applikazzjoni diretta ta' direttiva sabiex jiġu imposti obbligi għad-detriment tal-individwu*

108. Fil-każ li jiġi kkonstatat abbuż fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 abbażi tal-kriterji stabbiliti hawn fuq, għandu jiġi kkonstatat li din il-kawża hija partikolari peress li d-dritt Daniż ma fih ebda dispożizzjoni speċifika għall-implementazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49. Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, lanqas ma teżisti dispożizzjoni legali ġenerali dwar il-prevenzjoni tal-abbuż. Għalhekk, partikolarment ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija tal-fehma li ma tistax tiċċaħħad mill-eżenzjoni mit-taxxa stabbilita fid-dritt nazzjonali, anki fil-każ ta' abbuż.

109. Madankollu, mhux dejjem huwa neċessarju li dispożizzjonijiet tad-direttiva (hawnhekk l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49) jiġu adottati formalment f'liġijiet speċifiċi tad-dritt nazzjonali. Għall-kuntrarju, skont il-kontenut tagħha, kuntest leġiżlattiv ġenerali, inklużi l-prinċipji ġenerali tad-dritt kostituzzjonali jew amministrattiv nazzjonali, jista' jkun suffiċjenti bħala implementazzjoni sakemm b'dan il-mod tkun iggarantita l-applikazzjoni sħiħa tad-direttiva f'termini ċari u preċiżi biżżejjed [40].

110. Fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju ssemmi l-eżistenza ta' żewġ prinċipji (id-"duttrina tar-realtà" u l-prinċipju tal-"benefiċjarju effettiv tad-dħul"). Madankollu, il-partijiet fil-kawża jaqblu li dawn il-prinċipji ma japplikawx għall-kawża ineżami, peress li l-interess kien effettivament tħallas l-ewwel lill-kumpanniji Lussemburgiżi.

40 F'dan is-sens ara l-ġurisprudenza stabbilita, pereżempju s-sentenzi tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 44), tas-6 ta' April 2006, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-428/04, EU:C:2006:238, punt 99), tas-16 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-456/03, EU:C:2005:388, punt 51) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 62).

111. Madankollu, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 jippermetti lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-abbuż. Il-ġlieda kontra l-abbuż hija prattika komuni fi ħdan l-Unjoni. Għalhekk, kważi l-Istati Membri kollha żviluppaw ċerti strumenti sabiex jiġi miġġieled l-abbuż tad-dritt bl-intenzjoni ta' evażjoni tat-taxxa[41]. Għaldaqstant, fis-sistemi fiskali nazzjonali jeżisti l-kunsens li l-applikazzjoni tad-dritt ma tistax tinkludi t-tolleranza ta' prattiki abbużivi tal-operaturi ekonomiċi. Dan il-prinċipju rrikonoxxut fl-Unjoni sħiħa[42] issa qiegħed jiġi espress ukoll fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2016/1164.

112. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet nazzjonali kollha, kemm jekk dawn ġew adottati għall-implementazzjoni tad-Direttiva 2003/49 kif ukoll jekk le, dejjem għandhom jiġu interpretati u applikati konformement mal-prinċipju tad-dritt ġenerali u, b'mod partikolari, mal-kliem u mal-għanijiet tad-Direttiva 2003/49[43]. Il-fatt li interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali skont id-dritt tal-Unjoni tista' tkun ta' detriment għall-individwu ma jostakolax tali interpretazzjoni. Id-dritt tal-Unjoni jista' jiġi applikat permezz tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, jiġifieri b'mod indirett għad-detriment tal-individwu[44].

113. Madankollu, l-awtoritajiet Daniżi huma preklużi milli japplikaw b'mod dirett l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 għad-detriment tar-rikorrenti, inkluż għal raġunijiet ta' ċertezza legali[45]. Fil-fatt, Stat Membru ma jistax jinvoka kontra individwu dispożizzjoni ta' direttiva li huwa stess ma jkunx ittraspona[46]. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li direttiva ma tistax minnha nnifisha timponi obbligi fuq individwu u għalhekk ma tistax tiġi invokata bħala tali fil-konfront tiegħu[47]. Tali Stat Membru jkun qiegħed iwettaq "abbuż tad-dritt". Minn naħa, dan ma jkunx qiegħed jittrasponi direttiva indirizzata lilu (għalkemm seta' jagħmel dan) u, min-naħa l-oħra, ikun qiegħed jinvoka l-possibbiltà tal-ġlieda kontra l-abbuż inkluża fid-direttiva mhux trasposta.

114. Bl-istess mod, fil-kawża preżenti, l-awtoritajiet kompetenti lanqas ma jistgħu jinvokaw direttament fil-konfront ta' individwu l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi l-abbuż tad-dritt. Fil-fatt, fil-każijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49, dan il-prinċipju diġà ġie espressament imsemmi u implimentat fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva[48]. Li kieku, fil-fatt, flimkien ma' din ir-regola, kellu jkun possibbli li jsir rikors direttament għal prinċipju ġenerali b'kontenut ħafna inqas ċar u preċiż, ikun hemm ir-riskju li jiġi ppreġudikat l-għan ta' armonizzazzjoni

41 Ċerti Stati Membri għandhom klawżoli ġenerali relatati mal-ġlieda kontra aġir abbużiv, bħal fil-każ tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward ta' § 42 Abgabenordnung (il-Kodiċi Fiskali), tal-Lussemburgu fir-rigward ta' § 6 tal-iSteueranpassungsgesetz (il-Liġi tal-Approssimazzjoni Fiskali), tal-Belġju fir-rigward tal-Artikolu 344 §1er du code des impôts sur les revenus (il-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul), tal-Isvezja fir-rigward tal-Artikolu 2 de la loi (1995:575) (il-Liġi 1995:575) jew tal-Finlandja fir-rigward tal-Artikolu 28 de la loi sur la proceédure de l'imposition des revenus (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul); uħud għandhom regolamenti speċjali (bħal fid-Danimarka fir-rigward tal-prezz tat-trasferiment interkorporattiv skont § 2 Ligningslovens, l-Att dwar il-Valutazzjoni tat-Taxxa) jew prinċipji tad-dritt ġenerali (fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hemm il-prinċipju tal-perspettiva ekonomika, dedott, fost l-oħrajn, minn § 39 *et seq.* Abgabenordnung, il-Kodiċi Fiskali).

42 Ara: sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 27), tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, EU:C:2006:121, punt 68), tat-3 ta' Marzu 2005, Fini H (C-32/03, EU:C:2005:128, punt 32), tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (C-110/99, EU:C:2000:695, punt 51) u tat-23 ta' Marzu 2000, Diamantis (C-373/97, EU:C:2000:150, punt 33).

43 Rigward l-obbligu tal-qrati nazzjonali li jinterpretaw id-dritt nazzjonali konformement mad-direttivi, ara l-ġurisprudenza stabbilita u partikolarment is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, EU:C:2006:443, punti 108 *et seq.*), tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punti 113 *et seq.*) u tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann (14/83, EU:C:1984:153, punt 26).

44 Sentenzi tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 45), tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02, EU:C:2004:12, punt 57), tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori (C-91/92, EU:C:1994:292, punti 20, 25 u 26) u tat-13 ta' Novembru 1990, Marleasing (C-106/89, EU:C:1990:395, punti 6 u 8) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 65).

45 Ara, espliċitament, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 42).

46 Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 49), tal-21 ta' Settembru 2017, DNB Banka (C-326/15, EU:C:2017:719, punt 41), tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 42), tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punt 21); ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 66).

47 Sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 42), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 65); ara wkoll, fost ħafna oħrajn, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 108) u riferimenti oħra.

48 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 67) u s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punti 38 *et seq.*). B'mod simili ara wkoll il-konklużjonijiet li jiena ppreżentajt fil-kawża Satakunnan Markkinapörssi u Satamedia (C-73/07, EU:C:2008:266, punt 103).

tad-Direttiva 2003/49, kif ukoll tad-direttivi l-oħra kollha li jinkludu dispożizzjonijiet konkreti dwar il-prevenzjoni tal-abbuż (bħal, pereżempju, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2016/1164). Barra minn hekk, tali approċċ jippreġudika anki l-projbizzjoni diġà msemmija li ma jistgħux jiġu applikati dispożizzjonijiet ta' direttivi li ma humiex trasposti għad-detriment tal-individwi [49].

### *2. Ebda trasferibbiltà tal-ġurisprudenza fil-leġiżlazzjoni dwar il-VAT*

115. Id-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Italmoda u Cussens ma jipprekludux dan [50]. F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki abbużivi għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jista', irrispettivament minn miżura nazzjonali li tagħtih effett fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, jiġi direttament applikat sabiex tiġi rrifjutata l-eżenzjoni mill-VAT mingħajr ma l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jipprekludu dan.

116. Madankollu, dawn iż-żewġ deċiżjonijiet kienu jikkonċernaw esklużivament il-leġiżlazzjoni dwar il-VAT. Għalhekk, dawn jiddistingwu ruħhom mill-każ ineżami. Minn naħa, il-leġiżlazzjoni dwar il-VAT hija ħafna iktar armonizzata permezz tad-dritt tal-Unjoni u taffettwa ħafna iktar l-interessi tad-dritt tal-Unjoni permezz tal-pakkett finanzjarju tal-Unjoni relatat magħha milli d-dritt tal-Istati Membri dwar it-taxxa fuq id-dħul.

117. Min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 325(1) u (2) TFUE, id-dritt tal-Unjoni jobbliga lill-Istati Membri sabiex (effettivament) jiġbru l-VAT [51], filwaqt li dan ma huwiex il-każ fir-rigward tad-dritt dwar it-taxxa fuq id-dħul. Ma' dan jiżdied ukoll il-fatt li l-VAT huwa partikolarment vulnerabbli għall-frodi, li jirrikjedi infurzar partikolarment effettiv tal-eżiġibbiltà tat-taxxa. Anki l-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha għamlet distinzjoni, fid-deċiżjoni reċenti tagħha, bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-VAT u d-dritt sekondarju tal-Unjoni, li espliċitament jinkludi l-awtorizzazzjoni għall-ġlieda kontra l-abbuż [52]. Għaldaqstant, għandha tiġi eskluża l-applikazzjoni diretta tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 għad-detriment tal-persuna taxxabbli [53].

### *3. Fuq l-eżistenza ta' dispożizzjoni nazzjonali speċifika kontra l-abbuż*

118. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ser ikollha teżamina jekk fil-każ ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni jistgħux japplikaw għal dan il-każ anki dispożizzjonijiet ġenerali jew prinċipji tad-dritt nazzjonali (inklużi wkoll prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza), li minnhom tista' tiġi dedotta pereżempju l-irrilevanza fiskali ta' tranżazzjonijiet finanzjarji fittizji jew projbizzjoni tal-invokazzjoni abbużiva ta' vantaġġi fiskali speċifiċi.

119. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tkun tista' tiġi ġġustifikata b'motivi ta' ġlieda kontra prattiki abbużivi, l-għan speċifiku ta' tali restrizzjoni għandu jkun li jiġi ostakolat aġir li jikkonsisti f'arranġamenti purament artifiċjali, nieqsa mir-realtà ekonomika, bil-għan ta' evażjoni tat-taxxa normalment dovuta fuq il-profitti ġġenerati minn attivitajiet imwettqa fit-territorju nazzjonali [54].

49 Is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, EU:C:2005:709, punti 74 sa 77) hija ambigwa dwar dan il-punt; ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:86, punt 67) u anki b'mod speċifiku fis-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 42).

50 Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881) u tat-18 ta' Diċembru 2014, Schoenimport "Italmoda" Mariano Previti (C-131/13, C-163/13 u C-164/13, EU:C:2014:2455).

51 Sentenzi tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555, punti 36 *et seq.*), tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 26).

52 Ara, espliċitament, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punti 28, 31 u 38).

53 Kif iddeċidiet diġà l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed (C-321/05, EU:C:2007:408, punt 42).

54 Sentenzi tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha (C-303/07, EU:C:2009:377, punt 64), tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punt 55), tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, EU:C:2007:161, punt 74).

120. Għal din ir-raġuni, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi 2.1 u 3 għandha tkun li la § 2(2)(d) tal-Liġi Daniża dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji u lanqas dispożizzjoni ta' ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja, li tieħu inkunsiderazzjoni s-sid benefiċjarju għall-finijiet tat-tassazzjoni ta' interessi, ma huma suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jitqiesu bħala traspożizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49.

121. Madankollu, l-evalwazzjoni għandha tkun waħda differenti fil-kuntest tal-applikazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni tad-"duttrina tar-realtà" u tal-prinċipju tal-"benefiċjarju effettiv tad-dħul" fid-Danimarka. Dawn ġew żviluppati speċifikament sabiex tiġi affrontata l-problema li d-dritt ċivili jippermetti diversi arranġamenti filwaqt li l-leġiżlazzjoni fiskali tintaxxa sitwazzjonijiet ekonomiċi. Għaldaqstant, dawn il-prinċipji jipprekludu speċifikament arranġamenti artifiċjali jew l-abbuż ta' dritt mill-individwu u għalhekk fil-prinċipju jikkostitwixxu wkoll bażi legali suffiċjentement speċifika għal restrizzjoni tal-libertà ta' stabbiliment. Konsegwentement, sa fejn ir-rikorrenti tal-kawża prinċipali sostnew kemm-il darba fis-seduta li r-Renju tad-Danimarka ma wettaqx traspożizzjoni espressa tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49, dan ma għandux għalhekk effett detrimentali. Madankollu, fil-każ ineżami, dan huwa aspett li għandu jiġi evalwat mill-qorti nazzjonali.

122. Għalhekk, id-"duttrina tar-realtà" stabbilita fid-Danimarka u interpretata konformement mad-dritt tal-Unjoni tista' tkun biżżejjed bħala bażi sabiex ma jittiħdux inkunsiderazzjoni arranġamenti purament artifiċjali jew anki abbużivi fir-rigward tat-tassazzjoni, sa fejn dawn ikunu jeżistu (ara, f'iktar dettall, il-punti 57 *et seq.*). Fil-fehma tiegħi, id-"duttrina tar-realtà" ma hija xejn għajr forma speċjali ta' approċċ ekonomiku li huwa l-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri individwali rigward il-ġlieda kontra l-abbuż [55]. Dan joħroġ biċ-ċar ukoll fuq livell tad-dritt tal-Unjoni, pereżempju fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2016/1164, li jipprovdi li arranġament għandu jitqies mhux ġenwin sa fejn ma jkunx ġie stabbilit għal raġunijiet kummerċjali validi li jirriflettu r-realtà ekonomika. Dan huwa aspett li għandu jiġi evalwat mill-qorti nazzjonali.

123. Jekk l-għan tal-arranġament ikun li tiġi evitata tassazzjoni tal-investituri, minkejja li l-pagament formali jsir lill-kumpanniji Svediżi u Lussemburgiżi, minn lenti ekonomika l-pagament fil-verità jsir lill-kumpanniji ta' investiment jew lill-investituri tagħhom. Il-pagament lill-kumpanniji Svediżi u Lussemburgiżi ma jkunx jirrifletti r-realtà ekonomika, iżda r-realtà formali u ċivili biss.

## G. Ksur tal-libertajiet fundamentali (domandi 7 u 8)

124. Peress li, kif irrilevajt fil-punti 34 *et seq.* iktar 'il fuq, il-kumpannija Svediża fil-prinċipju għandha titqies bħala s-sid benefiċjarju, ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi 7 u 8 tal-qorti tar-rinviju.

125. Huwa minnu li sa fejn il-qorti tar-rinviju, fil-każ ta' applikazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni tal-prinċipji stabbiliti fid-dritt nazzjonali, tasal għall-konklużjoni li hemm arranġament abbużiv, it-tassazzjoni f'ras il-għajn issir prevedibbli f'ċerti każijiet. Madankollu, din il-kwistjoni ma tibqax rilevanti fil-każ ineżami peress li din it-tassazzjoni hija konsegwenza tal-abbuż u skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi invokat abbużivament jew frawdolożament [56].

55 Fl-Istati Membri ħafna drabi jsir riferiment għall-kontenut attwali ta' att jew ta' tranżazzjoni, bħal pereżempju fil-Finlandja, fl-Ungerija, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Litwanja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Portugall u fis-Slovenja.

56 Ara fost ħafna oħrajn: sentenzi tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 27), tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, EU:C:2006:121, punt 68), tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (C-110/99, EU:C:2000:695, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

126. Madankollu, indipendentement minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li t-trattament differenti ta' benefiċjarji nazzjonali u ta' benefiċjarji barranin tal-interessi minħabba arranġamenti ta' tassazzjoni differenti ma jirrigwardax sitwazzjonijiet paragunabbli [57]. Anki jekk l-imsemmija sitwazzjoni titqies bħala paragunabbli, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni tal-libertà fundamentali tkun iġġustifikata sakemm it-tassazzjoni Daniża f'ras il-għajn tal-benefiċjarju tal-interessi stabbilit barra mill-pajjiż ma tkunx ogħla mir-rata tat-taxxa korporattiva Daniża imposta fuq benefiċjarju nazzjonali tal-interessi [58].

127. L-istess japplika għal rati ta' interessi differenti jew għall-fatti taxxabbli, bejn, minn naħa, it-taxxa korporattiva Daniża li huwa suġġett għalija l-benefiċjarju tal-interessi u, min-naħa l-oħra, l-obbligu Daniż ta' tnaqqis tat-taxxa f'ras il-għajn minn min iħallas l-interessi. Dawn ma jikkostitwixxux sitwazzjonijiet paragunabbli peress li, minn naħa, hija dovuta taxxa *proprja* (taxxa korporattiva) u min-naħa l-oħra, tinżamm u titħallas, għall-benefiċjarju tal-interessi, taxxa li essenzjalment hija *ta' terz* (it-taxxa fuq id-dħul jew taxxa korporattiva). Il-fatti taxxabbli u r-rati ta' interessi differenti jirriżultaw mit-teknika u mill-funzjoni differenti ta' tassazzjoni f'ras il-għajn (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 86).

## VI. Konklużjoni

128. Għaldaqstant nipproponi li d-domandi tal-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka) jingħataw dawn ir-risposti:

1. Ir-risposta għad-domandi 1 sa 1.4 għandha tkun li kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor, li hija d-detentriċi tad-dejn li jipproduċi l-interessi, fil-prinċipju għandha titqies bħala s-sid benefiċjarju fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti. Dan ma japplikax jekk il-kumpannija ma taġixxix għan-nom tagħha stess iżda għan-nom ta' ħaddieħor favur terz.

   Il-kunċett ta' sid benefiċjarju għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu skont id-dritt tal-Unjoni u indipendentement mill-kummentarji dwar l-Artikolu 11 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OECD tal-1977 jew ta' verżjonijiet sussegwenti tal-Konvenzjoni.

2. Ir-risposta għad-domanda 2 għandha tkun li Stat Membru ma jistax jinvoka l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49 jekk ma jkunx ittrasponiha.

3. Ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda 3 għandha tkun li la § 2(2)(d) tal-Liġi Daniża dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji u lanqas dispożizzjoni ta' ftehim dwar ħelsien mit-taxxa doppja mfassal konformement mal-Artikolu 11 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OECD, ma jistgħu jitqiesu bħala traspożizzjoni suffiċjenti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/49. Madankollu, dan ma jipprekludix interpretazzjoni u applikazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni ta' prinċipji ġenerali tad-dritt nazzjonali li l-għan tagħhom huwa speċifikament il-ġlieda kontra arranġamenti artifiċjali jew l-abbuż ta' dritt tal-individwu.

4. Ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda 4 għandha tkun li l-abbuż għandu jiġi evalwat globalment mill-fatti kollha tal-każ, u dan għandu jsir mill-qorti nazzjonali.

57 Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Truck Center (C-282/07, EU:C:2008:762, punt 41); ikkonfermata bis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, X (C-498/10, EU:C:2012:635, punt 26).

58 Ara s-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et* (C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 90) u tat-18 ta' Ottubru 2012, X (C-498/10, EU:C:2012:635, punti 42 *et seq.*).

a) Fid-dritt fiskali, abbuż jista' jikkonsisti f'arranġamenti purament artifiċjali, nieqsa mir-realtà ekonomika, jew jekk l-għan essenzjali tal-arranġament huwa l-evażjoni tat-taxxa li kienet tkun dovuta skont l-għan tal-liġi. L-amministrazzjoni finanzjarja għandha turi li l-arranġament ġenwin kien joħloq pretensjoni fiskali korrispondenti, filwaqt li l-persuna taxxabbli għandha turi li l-arranġament magħżul huwa bbażat fuq raġunijiet rilevanti li ma humiex relatati mad-dritt fiskali.

b) Fil-każ ta' evażjoni tat-taxxa f'ras il-għajn fir-rigward ta' ħlasijiet ta' interessi lil kumpanniji ta' investiment stabbiliti fi Stati terzi, għandha tiġi analizzata prinċipalment l-evażjoni tat-tassazzjoni tad-dħul mill-interessi mill-benefiċjarji tal-interessi (jiġifieri l-investituri). Fil-każ ineżami, jista' partikolarment jiġi preżunt abbuż jekk l-istruttura korporattiva magħżula jkollha l-għan li tisfrutta ċerti nuqqasijiet fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati involuti sabiex tiġi evitata tassazzjoni effettiva tal-benefiċjarji tal-interessi.

5. Ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda 5 għandha tkun li l-pagamenti ta' interessi fuq self lil soċjetà in akkomandita b'responsabbiltà limitata Lussemburgiża jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49 anki meta l-Istat ta' residenza jkun awtorizza din il-kumpannija bħala SICAR. Barra minn hekk, il-benefiċċju tal-eżenzjoni mit-tassazzjoni f'ras il-għajn skont id-Direttiva 2003/49 ma jiddependix mill-punt dwar jekk l-Istat tat-tassazzjoni f'ras il-għan iqisx il-kumpannija benefiċjarja bħala trasparenti, jekk din il-kumpannija tkun elenkata espressament fl-anness tad-Direttiva 2003/49.

6. Ir-risposta għad-domanda 6 għandha tkun li l-Istat Membru li ma jridx jirrikonoxxi kumpannija stabbilita fi Stat Membru bħala s-sid benefiċjarju tal-interessi, għandu jindika min huwa s-sid benefiċjarju effettiv sabiex jiġi kkonstatat abbuż. Madankollu, fil-każ ta' sitwazzjonijiet transkonfinali, il-persuni taxxabbli jistgħu jkunu suġġetti għal obbligu ikbar ta' kooperazzjoni.

7. Fid-dawl tar-risposti mogħtija għad-domandi 1 sa 4, ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi 7 u 8.